Għaqda Każin
Banda San Filep
AD 1851

# ĠIMGĦA MQADDSA 2016



# Isem Alla huwa ħniena



**Fr. Philip Cutajar OFMCap**

**Direttur Spiritwali tal-Għaqda Każin-Banda San Filep**

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa b'dak kollu li hemm marbut magħha, għal din is-sena għandu jkollha tifsira speċjali. Il-fatt li bħala Knisja qegħdin niċċelebraw il-Ġublew Straordinarju tal-ħniena ta' Alla li dehret fuq wiċċ Ġesù, dak li qegħdin niċċelebraw matul il-Ġimgħa jfakkarna fl-Imħabba u l-Ħniena li Alla wera magħna meta bagħat lill-Iben il-Waħdieni tiegħu bil-għan li fil-Passjoni u l-Mewt tiegħu niksbu s-salvazzjoni tagħna.

## Xi tfisser il-Ħniena ta' Alla għalina

Dejjem hemm bżonn nikkontemplaw il-misteru tal-ħniena u l-imħabba ta' Alla. Alla hu għajn ta' hena, ta' serħan u ta' sliem. Il-ħniena ta' Alla hi kundizzjoni għas-salvazzjoni tagħna.

- Ħniena: din hi l-kelma li turi l-misteru tat-Trinità Qaddisa.
- Ħniena: din hi l-aqwa u l-ogħla att li bih Alla jiġi jiltaqa' magħna.
- Ħniena: hi l-liġi fundamentali li tgħammar fil-qalb ta' kull bniedem, meta jħares b'għajnejn sinċiera lejn ħuh li miegħu jiltaqa' tul il-mixja tal-ħajja.
- Ħniena: hi t-triq li ssieħeb lill-bniedem ma' Alla, għax tiftaħ il-qalb għat-tama li aħna maħbuba għal dejjem minkejja l-limiti tad-dnub tagħna".

## Ħniena mal-Oħrajn

Matul din is-sena tal-Ġublew, u dejjem, aħna msejħin sabiex mhux biss nikkontemplaw il-kobor tal-Ħniena ta' Alla għalina. Imma anke li aħna nkunu rifless u xhieda ta' din l-imħabba bl-imġieba ta' bejnietna. Filwaqt li Alla jħobbna b'imħabba tal-ġenn, Huwa kontinwament isejjħilna sabiex inħobbu lil xulxin.

Fl-ittra tiegħu lill-Kolissin 3, 12-14 San Pawl jħeġġiġna:

*"Intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu. Ilbsu mela sentimenti TA' ĦNIENA, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar. Stabru b'xulxin, u jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intkom ukoll. U fuq kollox ilbsu l-imħabba"*

## Stedina

Ejjew niċċelebraw kif inhu xieraq bħala Insara-Kattoliċi din il-Ġimgħa Mqaddsa b'dawn iż-żewġ aspetti jew aħjar uċuh tal-istess munita: 1) Opportunità sabiex naħsbu aktar kemm tassew Alla huwa Ħniena Infinita u wkoll 2) billi nħallu li din il-Ħniena ta' Alla tixprunana sabiex inħobbu aktar lil xulxin hekk kif Alla jħobb lilna.

# Il-protagonisti fil-ftuħ tal-Wirja tal-2015























*Mix-xellug, fuq: Mro Ciantar jidderieġi l-banda; solo Francesco Musu; parti mill-udjenza*

*Fin-nofs: Josef Cachia, Jessica Micallef, Brian Bonnici, Graziella Attard, is-sindku Alfred Grixti u Mons Aldo Cavalli*

*Taħt: Mistiedna speċjali fil-ftuħ uffiċjali u jżuru żewġ taqsimiet tal-wirja fil-kantina u l-vari żgħar flimkien ma' uffiċjali mill-kumitat organizzattiv*







# Programm tal-Ftuħ

## tal-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa
## fil-Każin Banda San Filep

Jippresiedi l-Onor Dr Godfrey Farrugia MD, MP

Bis-sehem tal-Banda taż-Żgħażagħ fi ħdan il-Banda San Filep
Taħt id-direzzjoni tal-Assistent surmast Mro Michael Ciantar

**L-Erbgħa 16 ta' Marzu 2016**

- **Merħba mill-Kumitat Organizzattiv**
- **Banda taż-Żgħażagħ tal-Banda San Filep:**
  - The Gentle Mist of Spring — James Swearingen
  - In Memory of Rev Loreto Callus — Michael Ciantar
- **Qari ta' Poeżiji ta' Rużar Briffa** — Martina Tabone
  - L-Għanja tal-Imnikket
  - Tristis Est Anima Mea
- **Taħdita:** — Eman Bonnici
- **Banda taż-Żgħażagħ tal-Banda San Filep:**
  - Amazing Grace — Melodija tradizzjonali Irlandiża
  - Remembrance — Marcia Funebre ta' Garofalo
- **Diskorsi tal-Okkażjoni:**
  - **L-Onor Dr Godfrey Farrugia** Membru Parlamentari u President Onorarju
  - **Dr Philip Sciortino –** President tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851
- **Inawgurazzjoni tal-wirja** minn Dr G Farrugia u
- **Tberik** tal-wirja minn Rev Mario Sammut

Compere: Graziella Attard

Il-Banda San Filep, taħt id-direzzjoni ta' Mro Richard Bugeja,
takkumpanja l-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt li toħroġ
mill-Parroċċa ta' San Filep nhar il-Ħadd 27 ta' Marzu 2016.

# Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa

## Fil-Każin Banda San Filep,
## 12, Misraħ San Filep

Wirja mżewqa b'xogħlijiet artistiċi tal-Kav. Alfred Camilleri Cauchi u ta' Antonio Mifsud u b'effetti viżivi, akkumpanjati b'kummentarji informattivi, iddisinjati u mtellgħin b'mod professjonali. Il-wirja qiegħda f'bini wieħed, imma d-dħul għat-taqsimiet tagħha huma minn Triq Sciortino u wkoll minn Misraħ San Filep. Hija mqassma hekk:

Dħul minn Triq Sciortino:

**1. Iċ-Ċenaklu** *(ambjentat f'kantina antika)*

**2. Il-Kruċifissjoni** *(xena kbira f'sala fis-sular ta' fuq)*

**3. Sett ta' vari żgħar** *(maħduma minn l-aħwa Joseph u Anthony Magri)*

Dħul minn 12, Misraħ San Filep:

**4. Sett ta' xeni mill-Via Crucis** *(alto-riljevi maħduma mill-artist Antomio Mifsud)*

**5. Id-Difna** *(ambjentata f'xelter tal-gwerra taħt l-art)*

**6. Il-Qawmien** (awdjo-viżiva)

*L-istatwi kbar (lifesize) fit-tliet taqsimiet 1, 2 u 5 huma xogħol il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi.*

**Dati u ħinijiet tal-ftuħ:**
**mill-Ħamis 17 sal-Ġimgħa 25 ta' Marzu 2016**

- kuljum mill-17.30 sat-20.00
- Ħadd il-Palm (20/3/16) mid-9.00am sa 12.00 u mill-17.30 sat-20.00
- nhar Ħamis ix-Xirka (24/3/16) mid-9.00am sa 12.00 u mill-17.30 sal-23.00
- nhar il-Ġimgħa l-Kbira mid-9.00 sas-13.00 u mis-19.00 sal-22.00.

# Colour



















Photo: DOI - Jason Caruana

*Is-Sindku Sarah Agius,*
*flimkien mal-Viċi-Sindku, Kunsilliera u l-Impjegati kollha*
*tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ jixtiequ jagħtu*
*l-isbaħ xewqat lir-residenti kollha ta' Città Rohan*
*għall-Għid it-Tajjeb*

# Messaġġ għall-Ktejjeb

**Dr Godfrey Farrugia**



Jum il-Għid magħna. Inħosskom tgħiduli li qed niġri. Magħkom ser naqsam ħsibijieti… jiem f'ħajti li min jaf kemm-il darba nħares lejhom.

Mas-sebħ, il-qniepen kollha taż-żewġ kampnari tal-Parroċċa San Filep bdew idoqqu noti ferrieħa b'qima lejn Kristu Rxoxt. Illum il-qniepen mhumiex jindaqqu bħas-soltu mis-sagristan. Ċorma żgħażagħ kienu telgħu bil-ġirja l-garigor tal-kampnar biex jilħqu l-aħjar post. Kollha għors kienu qed jiġbdu l-ħbula tal-qniepen b'ħeġġa liema bħalha, idoqqu l-Glorja. Kos, jumejn ilu dawn l-istess qniepen kienu tmewtu u minflokhom iċ-ċaqliq taċ-ċuqlajta kien damdam il-madwar bi ħsejjes maħnuqa donnhom f'karba. Issa, ir-Randan kien spiċċa.

Frixt ħarsti madwari. Misraħ San Filep kien miżgħud bin-nies. L'hawn u 'l hinn f'kull rokna, qtajja' ta' rġiel kienu mitlufa jlabalbu jew jixorbu xi grokk. Il-bibien tal-każini u l-ħwienet tax-xorb kienu miftuħa beraħ u l-istess bejjiegħa li nhar il-Ġimgħa l-Kbira kienu armati bil-karamelli u l-qagħaq tal-appostli, illum kellhom tilari mimlija figolli u l-bajd tal-Għid.

Irħejtilha għall-knisja…

Il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira kienu diġà żżarmaw u ntrefgħu fin-niċeċ tal-oratorju fil-lejl ta' bejn il-Ġimgħa u sbieħ Sibt il-Għid. Is-sepulkru li kien laqa' l-Ewkaristija fost dik il-ħlewwa ta' ward abjad kien tneħħa. Id-dwal, il-fjuri, kliem il-qassis jidwi minn fuq il-mikrofonu u t-tbissima fuq xofftejn in-nies jisimgħu l-quddiesa lkoll kienu xhieda tas-solennità u l-ferħ li jġib il-Għid.

Il-vara ta' Kristu Rxoxt rebbieħ fuq il-mewt iżomm il-bandiera b'salib kbir abjad fuq sfond aħmar matul il-lejl kienet inħarġet min-niċċa li tinsab man-naħa tal-artal tal-erwieħ u tqiegħdet fl-aħjar post, qrib l-artal maġġur. Madwarha kienu nġabru numru ta' reffiegħa, ilkoll lesti biex jagħtu sehemhom u jerfgħu fil-purċissjoni li kienet ser tibda wara li tispiċċa din il-quddiesa.

Ftit tal-ġranet ilu l-istorja kienet differenti. Ħmistax qabel il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira l-ommijiet u t-tfal kienu rħewlha lejn l-uffiċċju tal-

Għaqda tal-Ġimgħa l-Kbira biex jinkitbu ħalli jilħqu xi żimarra jew ilbies ieħor għall-proċessjoni, filwaqt li l-irġiel u l-ġuvintur kienu għamlu l-almu tagħhom kollu biex jilħqu xi forċina jew xi post li kien tbattal ħalli jerfgħu f'xi vara.

Hekk kif il-quddiesa spiċċat, il-bieb prinċipali tal-knisja kien infetaħ. Il-ġemgħa miġbura fil-misraħ issa kienet imdaqqsa. Il-Banda San Filep inġabret u bdiet iddoqq. Fil-bogħod, mill-għelieqi tal-ħruq beda jinħaraq is-salut. L-abbatini kollha briju kienu diġà ħarġu u l-vara tal-Irxoxt xirfet fuq l-għatba tal-bieb. F'ħakka t'għajn instemgħet għajta mir-reffiegħa u b'taptipa tal-forċina Kristu rebbieħ deher għall-ewwel jixxengel fuq dirgħajn ir-reffiegħa u wara jiġri tul iz-zuntier. Il-folla għajtet għajta ferrieħa. Din kienet il-ġirja tal-Ġimgħa Mqaddsa. Il-qawmien ta' Kristu kien ġab trijonf.

Hu dan kollu li bħal leħħa ta' berqa għadda minn rasi, hekk kif ilqajt l-istedina biex niftaħ il-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851. Ħaż-Żebbuġ hu magħruf għall-mod kif jiċċelebra din it-tifkira reliġjuża u d-devozzjoni popolari marbuta magħha.

Jien kelli x-xorti li aktar kmieni f'ħajti ħdimt fil-qrib ma' ħafna ħbieb membri ta' għaqdiet differenti biex Beltna jkollha dak kollu li jsawwar festa tal-Ġimgħa Mqaddsa, u ta' dan jien kburi. Sehemi fil-wirja tal-Każin San Filep hu wieħed li nibqa' ngħożż u jfakkarni f'mumenti sbieħ ta' ħbiberija, volontarjat, devozzjoni u tiġdid biex minn esebizzjoni ta' mudelli ta' vari, illum Ħaż-Żebbuġ iġawdi waħda mill-akbar wirjiet f'Malta u Għawdex.

Ir-rabta tiegħi ma' din il-wirja kont issiġilajtha wkoll. Dan kont għamiltu bl-għotja ta' niċċa antika tad-Duluri li hi esebita fis-sala ewlenija tal-każin. Għaldaqstant is-sehem tiegħi għall-ftuħ ta' din il-wirja rrid niddedikah lilkom ilkoll li tant taħdmu biex it-twemin u l-kult tal-Ġimgħa Mqaddsa jkompli jitkabbar.

Sliem u Saħħa.


# Kiri ta' Siġġijiet

Agħmel bħalma jagħmlu ħafna:
ibbukkja siġġu
mill-bar tal-Każin San Filep
u gawdi l-purċissjoni
tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħaż-Żebbuġ
bilqegħda.

# It-tixrid tal-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira



**kitba ta' Dr Joseph F. Grima**

Daż-żmien, f'Malta u Għawdex jiġu organizzati xejn anqas minn dsatax-il purċissjoni li fihom tiġi kommemorata l-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej Ġesù Kristu. Ovvjament, dawn il-manifestazzjonijiet ma nibtux ilkoll flimkien iżda żdiedu waħda wara l-oħra fi proċess li ħa l-mijiet tas-snin, minn tmiem is-seklu sittax sat-tieni nofs tas-seklu għoxrin biex inkunu aktar preċiżi. Barra minn hekk, f'lokalità Għawdxija partikolari sar sett ta' tmien vari tal-Passjoni iżda dawn ma jinħarġux f'purċissjoni, filwaqt li d-disa' statwi ta' lokalità oħra, f'Għawdex ukoll, jinħarġu għaċ-ċelebrazzjoni tal-*Via Sagra* nhar it-Tlieta ta' qabel il-Ġimgħa l-Kbira. Ta' min iżid ukoll li hawn diversi knejjes imxerrdin mal-gżejjer Maltin li jesponu xi vara jew tnejn tal-Passjoni ta' Ġesù iżda ma ssir ebda purċissjoni bihom għajr xi manifestazzjoni fil-forma ta' Via Sagra jew pellegrinaġġ bħalma jsiru, ngħidu aħna, fil-Ħamrun u l-Qrendi bil-vara tar-Redentur.



*Ir-Redentur tal-Isla kien fost l-ewwel vari li nħarġu fil-purċissjoni fil-bidu tas-seklu tmintax*

## Fis-Seklu Tmintax

Wara li bdew jiġu organizzati l-purċissjonijiet tar-Rabat (Malta) u tal-Belt Valletta fis-sekli sittax u sbatax, u li kkunsidrajnihom is-sena l-oħra, ix-xena taqsam il-Port il-Kbir lejn il-Kottonera fejn purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira ilhom jiġu organizzati għal aktar minn tliet sekli f'Bormla u fl-Isla. Hu magħruf li fl-1674 twaqqfet f'**Bormla** l-Fratellanza tal-Agunija taħt it-titlu tal-Kurċifiss.[1] Sal-1694 kienet organizzata dik li kienu jsejħulha l-purċissjoni ta' Kristu Mejjet iżda l-vari jissemmew l-ewwel darba fl-1699. Ma jidhirx li kienu lesti minn kollox qabel l-1702, l-aktar b'ħidmet l-argużin Giovanni Mamo.[2] Għalkemm id-data eżatta tal-purċissjoni tal-**Isla** mhix magħrufa, hu dokumentat li kienet diġà teżisti fl-1714 filwaqt li l-Fratellanza tal-Karità, li dak iż-żmien kienet torganizza l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, kienet ilha mill-1710 tfakkar b'solennità kbira l-festa tas-Sejba

tas-Salib Imqaddes fit-3 ta' Mejju. Imbagħad, l-inkarigu tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kważi mal-ewwel, x'aktarx fl-1719, għadda f'idejn il-Fratellanza tal-Kurċifiss li twaqqfet fl-1715.[3] Lanqas mhu magħruf eżatt il-bidu tal-manifestazzjoni tal-**Birgu** għalkemm jidher li seħħ qrib tmiem is-seklu sbatax jew il-bidu tas-seklu tmintax. Tradizzjonalment jingħad li kienu baħħara mill-Birgu li ġabu minn Spanja statwi tal-Passjoni – jew irjus, idejn u saqajn biex jintlibsu lbies veru – biex bihom bdew jorganizzaw purċissjoni tal-Passjoni. Hawn ta' min isemmi li fil-Birgu tas-seklu tmintax kienu jorganizzaw aktar minn purċissjoni waħda: tal-baħħara tax-xwieni nhar l-Erbgħa tat-Tniebri, mill-Knisja Dumnikana tal-Lunzjata f'Ħamis ix-Xirka, u tal-Kaptani u l-Baħħara Maltin mill-knisja parrokkjali. Din tal-aħħar hi l-unika waħda li għadha ssir u fiha kienu bdew jieħdu sehem il-fratelli membri tal-Fratellanza tal-Kurċifiss wara t-twaqqif ta' din il-fratellanza fl-1718. Din il-purċissjoni bdiet b'vara waħda, il-*Kruċifissjoni*, warajha nġiebet l-istatwa ta' Ġesù Mejjet u mbagħad żdiedu l-istatwi l-oħrajn.[4] It-tneħħija ta' tnejn mill-purċissjonijiet seħħet riżultat ta' ordni maħruġa mill-Isqof Monsinjur Carmelo Scicluna fl-1879 biex il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira jsiru kollha f'istess jum, jiġifieri nhar il-Ġimgħa l-Kbira stess.[5]



*Il-Birgu beda jorganizza l-purċissjoni tiegħu bil-Vara l-Kbira lejn il-bidu tas-seklu tmintax*

B'hekk rajna li, sas-snin bikrin tas-seklu tmintax, il-purċissjonijiet tal-Passjoni f'Malta baqgħu konċentrati u organizzati fl-ibliet tal-Port il-Kbir u fir-Rabat, is-subborg tal-Imdina. Mhix ħaġa tal-iskantament li din iċ-ċelebrazzjoni mbagħad infirxet lejn diversi ċentri abitati fil-kampanja sa tmiem is-seklu tmintax, għalkemm kultant wieħed isib tagħrif dwar l-eżistenza ta' vari iżda nuqqas ta' ħjiel dwar purċissjoni organizzata. Fil-każ tan-**Naxxar**, ir-riċerka stabbiliet li fl-1750 twaqqfet il-Fratellanza tal-Madonna tad-Duluri li mal-ewwel wasslet għall-




*Fost l-ewwel żewġ vari ta' Ħaż-Żebbuġ kien hemm il-Madonna tad-Duluri*

organizzazzjoni tal-purċissjoni tal-Passjoni li nbdiet b'xi vari, fosthom id-*Duluri*, il-*Monument* u l-*Ecce Homo*. Fi ftit snin żdiedu aktar statwi tant li sal-1753 kienet diġà manifestazzjoni stabbilita.[6]

Każ tipiku ta' tagħrif nieqes hu dak ta' **Ħaż-Żebbuġ (Malta)** fejn fl-1742 issawru l-vari tal-*Madonna tad-Duluri* u tal-*Veronika* iżda jidher li sal-1824 ma kinitx issir purċissjoni tal-Passjoni għajr waħda żgħira b'korp ta' Kristu Mejjet sal-kappella tal-Grazzja. Ma kienx qabel l-1824 li din il-purċissjoni bdiet titkabbar biż-żjieda ta' vari tal-Passjoni li tlestew fl-1826,[7] is-sena li nistgħu nqisuha bħala l-bidu veru tal-manifestazzjoni Żebbuġija.

L-istess nistgħu ngħidu dwar **Iż-Żejtun**. Fl-1742, il-kappillan xtara l-*Vara l-Kbira* l-qadima tal-Belt iżda miet qabel ħallasha. Id-dejn baqa' ma ġiex onorat minħabba li l-knisja parrokkjali kienet għadha ma tlestietx u allura, wara li nfetaħ proċess fil-Qorti tal-Isqof, il-vara kellha tiġi ritornata.[8] Dan l-episodju wassal lil min kiteb li "*jidher li fis-sena 1742 fiż-Żejtun diġà kien hemm din il-purċissjoni*."[9] Mhux magħruf kienx hemm vari oħra jew le u, għaldaqstant, jibqa' dejjem dubju dwar din id-data, dubju msaħħah mill-fatt li ma teżisti ebda statwa jew xi dokumentar ieħor relevanti li jmur lura lejn is-seklu tmintax.[10] F'**Ħal Luqa** dehret l-ewwel vara – dik tal-Veronika – fl-1775 fuq inizjattiva privata u s-sett tkompla fl-1795, l-istess sena li fiha l-Isqof Vincenzo Labini ħatar prokuratur tal-vari tal-Passjoni.[11] Iżda, hawnhekk ukoll, ma tissemma' ebda purċissjoni bejn l-1775 u l-1795, għalkemm il-ħatra ta' prokuratur hi indikazzjoni li din setgħet bdiet tiġi organizzata fl-1795.



*Seklu tmintax: San Ġwann tal-Vara l-Kbira l-antika (mhux dik tal-lum) ta' Ħal Qormi*

F'**Ħal Qormi** wkoll insibu diffikultà biex tinstab id-data preċiża tal-oriġini tal-purċissjoni. L-ewwel referenza dokumentata tal-eżistenza ta' din il-purċissjoni nsibuha fid-djarju, għas-snin 1764 u 1765, tas-saċerdot studjuż Injazju Saverju Mifsud fejn kiteb li assista għall-purċissjoni tal-Passjoni u rrefera għan-numru kbir ta' nies li attendew għal din il-manifestazzjoni li kien fiha statwi kbar u oħrajn iżgħar.[12] Dan it-tagħrif jagħti x'jifhem li l-purċissjoni kienet diġà stabbilita sew fl-1764 iżda Mifsud la jirreferi għall-oriġini tagħha u lanqas għal kemm kienet ilha tiġi organizzata.[13] Fl-1653, kienet twaqqfet sodalità fuq l-artal tal-Madonna tad-Duluri għas-suffraġju tal-erwieħ tal-Purgatorju u li kienet tiċċelebra l-festa tagħha nhar il-Ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira[14] iżda qatt ma ġiet stabbilita xi konnessjoni mal-purċissjoni tal-Passjoni. Allura d-data tat-twaqqif baqgħet mhix magħrufa għalkemm tidher li tapparteni għall-ewwel nofs tas-seklu tmintax.

Fil-**Għargħur**, jidher li din il-purċissjoni nbdiet bħala riżultat dirett tat-twaqqif tal-Via Sagra fl-1779 billi t-tnejn jinsabu marbutin flimkien fir-reġistri tal-kontijiet. Il-purċissjoni ħarġet għall-ewwel darba fl-1 ta' April 1792 bis-sehem ta' żewġ statwi: il-*Monument* u l-*Madonna tad-Duluri*, anzi nżidu li din tal-aħħar kienet diġà teżisti fl-1785. Bejn l-1810 u l-1865, jidher li din il-purċissjoni ma baqatx toħroġ iżjed. Imbagħad reġgħet bdiet tiġi organizzata mill-1866 'il quddiem biż-żjieda ta' żewġ vari oħra: l-*Ort fil-Ġetsemani* u l-*Marbut*.[15] Dan wassal biex inkiteb li l-purċissjoni tal-Għargħur inbdiet fl-1866,[16] konklużjoni li mhix preċiża għal kollox għax hawnhekk kien hawn manifestazzjoni li nbdiet, waqfet għal xi żmien, u reġgħet ingħatat il-ħajja.

Hawnhekk naqsmu l-fliegi u mmorru Għawdex fejn l-ewwel purċissjoni tal-Passjoni ħarġet mill-**Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fir-Rabat**, jew Victoria, kif inhi magħrufa uffiċjalment daż-żmien. Dil-purċissjoni, li kienet fi ħsieb il-Fratellanza ta' Ġesù u Marija, tissemma' fil-Vista Pastorali tal-1809 mill-Isqof Ferdinando Mattei iżda hemm ħjiel qawwi li kienet diġà teżisti fl-1788. Dan jirriżulta mill-fatt li, fl-istatut tal-Fratellanza tad-Duluri li twaqqfet fil-knisja filjali ta' San Ġakbu fl-1788, kien hemm stipulata l-obbligazzjoni tal-fratellanza li tieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Minn żmien bikri, jidher li f'din il-purċissjoni kienu jintużaw vari proprjetà tal-Katidral flimkien ma' oħrajn tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, drawwa li baqgħet fis-seħħ sas-sena 1967.[17]



Seklu dsatax: il-vara tal-Marbut kienet fost l-ewwel żewġ vari tal-purċissjoni tal-Mosta

## Fis-Sekli Dsatax u Għoxrin

Fis-seklu dsatax, żdiedu żewġ purċissjonijiet oħra. Ta' **Ħal Għaxaq** jidher li bdiet tiġi organizzata għall-ħabta tal-1820-21 meta nbeda t-tiswir ta' sett vari, għalkemm jingħad ukoll li din il-lokalità diġà kellha statwa ta' Ġesù Mejjet li nġiebet minn Ruma fl-1720 jew fl-1726[18] u li kienet tiġi ċċelebrata l-festa tal-Madonna tad-Duluri li kienet twaqqfet fratellanza tagħha fl-1684.[19] Min-naħa l-oħra ma jidhirx li hemm wisq dubju dwar il-bidu tal-purċissjoni tal-**Mosta** li bdiet toħroġ fl-1866, l-aktar bl-inizjattiva tas-sagristan Girgor Vella, bil-vari tal-*Ort fil-Ġetsemani* u l-*Marbut*.[20] Fis-snin sussegwenti, bħalma ġara f'lokalitajiet oħrajn, żdied in-numru ta' vari.

L-aħħar żidiet, total ta' ħamsa, huma kollha tas-seklu għoxrin: tlieta f'Għawdex fl-ewwel żewġ deċenji, waħda f'Malta lejn tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija u oħra Għawdxija lejn tmiem is-snin sittin. Fin-**Nadur**, flimkien ma' vara tad-Duluri, fis-seklu dsatax kien hemm ukoll korp ta' *Ġesù Mejjet* li minnu nibet il-ħsieb li tibda

tiġi organizzata purċissjoni tal-Passjoni. Ingħata l-permess, u l-ewwel purċissjoni ħarget fil-21 ta' Marzu 1913 bi tliet statwi: mezzo-bust tal-*Ecce Homo*, korp ġdid ta' *Ġesù Mejjet* li nġieb minn Bolzano u d-*Duluri*.[21] Sena wara, jiġifieri fl-1914, bdiet tiġi organizzata l-purċissjoni tax-**Xagħra**. Il-ħsieb jidher li oriġina minn Kurċifiss li nġieb minn Lecce, l-Italja, fir-Randan tal-1913. Malajr instabu benefatturi biex iħallsu l-ispejjeż tax-xiri ta' sett ta' tmien vari minn Lecce, u b'hekk, din il-purċissjoni bdewha mill-ewwel b'sett sħiħ ta' statwi,[22] kuntrarju għal li kien ġara f'bosta lokalitajiet oħrajn li kienu żiedu n-numru tagħhom progressivament.

Bejn l-1914 u l-1918, Malta kienet involuta fl-Ewwel Gwerra dinjija, għalkemm mhux direttament, fis-sens li l-pajjiż ma kienx attakkat. Eżatt ma tmiemha, il-kappillan il-ġdid Dun Anton Grima beda jaħseb biex jorganizza purċissjoni tal-Passjoni fiż-**Żebbuġ t'Għawdex** u qabbad statwarju biex ilesti sett ta' vari li ntużaw l-ewwel darba nhar il-Ġimgħa l-Kbira tal-1919. Fis-snin tletin, kemm minħabba li l-attenzjoni nxteħtet fuq it-tkabbir tal-knisja parrokkjali kif ukoll għax il-vari ġralhom bosta ħsarat riżultat tan-nuqqas ta' post adegwat fejn jintrefgħu, il-purċissjoni twaqqfet. Reġgħet bdiet toħroġ fl-1965 meta kellhom jinbidlu l-biċċa l-kbira tal-istatwi.[23]

F'**Raħal Ġdid** saret vara tar-*Redentur* fl-1944 u, sena wara, bdiet issir purċissjoni nhar il-Ġimgħa l-Kbira b'din il-vara. Fl-1947 żdiedet il-vara tad-*Duluri* u l-purċissjoni baqgħet hekk sal-1971 meta, biż-żieda ta' statwi oħra, din il-manifestazzjoni bdiet tieħu s-sura li għandha llum.[24] L-aħħar purċissjoni f'dan l-elenku hi dik tal-**Katidral t'Għawdex** li ħarġet l-ewwel darba nhar il-31 ta' Marzu 1968 fil-Ħames Ħadd tar-Randan, jiġifieri ġimgħa qabel Ħadd il-Palm u li hu magħruf ukoll bħala Ħadd Lazzru. Il-Katidral kien jippossedi numru ta' vari li qabel kienu joħorġu fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Parroċċa San Ġorġ bħalma diġà għidna. Fl-1968, ittieħdet id-deċiżjoni li l-Katidral jorganizza l-purċissjoni tiegħu u fl-istess sena ħarġet l-ewwel manifestazzjoni b'ħames vari li mbagħad żdiedu għal sebgħa, in-numru li hemm illum.[25]

Ta' min jagħlaq din it-taħdita qasira billi nirreferu għall-purċissjoni qasira iżda ħelwa li bdiet issir mill-2005 nhar il-Ħadd ta' qabel Ħadd il-Palm filgħodu fil-kumpless tal-Anzjani San Vinċenz de Paule, fil-limiti ta' Ħal Luqa, li toħroġ mill-kappella, u li hi apprezzata ħafna mir-residenti. Tinkludi ż-żewġ vari tar-*Redentur* u l-*Madonna tad-Duluri* u jieħdu sehem bosta voluntieri minn diversi lokalitajiet Maltin b'kostumi bibliċi u Rumani flimkien ma' banda li ddoqq marċi funebri.

*Diskors fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-25 ta' Marzu 2015*

**Referenzi**

1 C. Galea Scannura, *Il-Ġimgħa Mqaddsa f'Bormla*, Malta 1998, 8; Anon, *Ven. Arċikonfraternità tas-SS.mu Crucifiss Bormla*, Malta 1939, 3.

2 C. Galea Scannura (1998), 13; *Idem*, *Tagħrif Storiku dwar il-Knisja Parrokkjali ta' Bormla*, Malta 1983, 13; *Idem* (1978), 25.; *Idem*, "F'Bormla", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, editur M.J. Schiavone, Malta 1992, 65.

3 Alex. Bonnici, *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija*, Vol II, Malta 1986, 176; M. Caruana, "Fl-Isla", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, editur M.J. Schiavone, Malta 1992, 51; M. Caruana/F.

Mangion, *Il-Ġimgħa l-Kbira fl-Isla*, Malta 2000, 18-19.

4 L. Zahra, "Fil-Birgu", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, editur M.J. Schiavone, Malta 1992, 39-42; Anon., *Good Friday Procession in Vittoriosa*, Malta 1990, 2; G. Gauci, *Good Friday and Easter in Vittoriosa – History and Tradition*, Malta 2000, 5& 9.

5 *L'Ordine*, 26.iii.1879.

6 P. u C. Catania, *Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira Naxxar*, Malta 1990, 5 u 43; P. Catania, "Holy Week Procession at Naxxar: Origins and Early Development in the 18th Century," *The Democrat*, 11 u 18 ta' April 1987; *Idem*, "Fin-Naxxar", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, editur M.J. Schiavone, Malta 1992, 101-2.

7 S. Ciappara, *Storia del Zebbug e Sua Parrochia con Molte e Svariate Notizie Risguardanti la Stessa Terra e Parrocchia*, Malta 1882, 44 u 81; L. Vella, *Storja ta' Ħaż-Żebbuġ*, Malta 1986, 49-50 u 76; J. Mizzi, "F'Ħaż-Żebbuġ", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, editur M.J. Schiavone, Malta 1992, 89-90. Madankollu, f'J. Cassar Pullicino, *Studies in Maltese Folklore*, Malta 1992, 56, l-awtur jagħti s-sena *c.1742* bħala d-data tal-bidu ta' din il-purċissjoni, l-istess bħalma kien kiteb f'paġna 33 tal-ewwel edizzjoni tal-istess ktieb stampat fl-1976.

8 G. Aquilina, *Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt*, Malta 1986, 37-8. Is-somma nvoluta kienet ta' 30 skud u l-vara mbagħad inbiegħet lill-Kjeriku Giuseppe Spiteri, il-benefiċjarju tal-Knisja tad-Duluri f'Tal-Pietà.

9 W.R. Zahra, "Fiż-Żejtun", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, editur M.J. Schiavone, Malta 1992, 79.

10 J. Cassar Pullicino (1992), 56, jagħti d-data bħala *c.1742* għalkemm f'paġna 33 tal-ewwel edizzjoni tal-istess ktieb, stampat fl-1976, id-data mogħtija hi *1839-40*. L-awtur ma jikkwota ebda dokumentar għall-ebda wieħed miż-żewġ dati li jagħti.

11 Ġ. Micallef, *Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha*, Malta 1975, 251; C. Zammit, *Good Friday Procession at Luqa*, Malta 1976, 1; K. Zammit, "F'Ħal Luqa", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, editur M.J. Schiavone, Malta 1992, 141.

12 Manuskritt tal-Librerija Nazzjonali ta' Malta (LNM) 14, ff. 266 u 428.

13 Ġie suġġerit li din il-purċissjoni kienet diġà eżistenti fl-1737. Ara J.F. Grima, "The Development of the Holy Week Processions at Qormi, Malta – A Case Study", *Proceedings of the First International Conference on the Ritual Year*, editor G. Mifsud-Chircop, Malta 2006, 89.

14 V. Borg, "Marian Devotions in Maltese Diocesan Churches", *Marian Devotions in the Islands of St Paul*, editur V. Borg, Malta 1983, 113-4.

15 K. Bezzina, "Fil-Għargħur", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, editur M.J. Schiavone, Malta 1992, 134.

16 J. Cassar Pullicino (1976 u 1992), 33 u 56 rispettivament.

17 John Bezzina, "F'San Ġorġ", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, editur M. J. Schiavone, Malta 1992, 181-3; Joseph Bezzina, "Fil-Katidral", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, editur M. J. Schiavone, Malta 1992, 227-8. Fl-1968, bdiet toħroġ purċissjoni tal-Passjoni mill-Katidral u, allura, il-vari ma baqgħux 'jissellfuhom'.

18 P.P. Castagna, *Lis Storia ta Malta bil Gzejjer Tahha*, Malta 1888-1890, edizzjoni faksimili – Midsea Books 1985, Vol. I, It-Tielet Parti, 211; J. Cassar Pullicino (1976 u 1992), 33 u 56 rispettivament; J.F. Grima, "F'Ħal Għaxaq", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, editur M.J. Schiavone, Malta 1992, 153.

19 V. Borg (1983), 107 u 110-1. Fatt kurjuż hu li l-festa tad-Duluri kienu jiċċelebrawha fit-tieni Ħadd fuq l-Għid il-Kbir.

20 F. Deguara (Editur), *Il-Mosta Ġrajjietha u Niesha,* Malta 2008, 92; J. Borg, *Good Friday Procession Mosta Malta*, Malta 1986, 3; *Idem*, "Fil-Mosta", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, editur M.J. Schiavone, Malta 1992, 161.

21 Alex. Bonnici, *In-Nadur – Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika mxebilkin fil-Ħajja Soċjali ta' Għawdex*, Vol. II, Malta 1988, 222-3; *Idem*, "Fin-Nadur", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, editur M.J. Schiavone, Malta 1992, 195-6.

22 L. Camilleri, *The Good Friday Procession Xagħra Gozo*, Malta 1999, mhux impaġnat; A. Refalo "Fix-Xagħra", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, editur M.J. Schiavone, Malta 1992, 195-6.

23 Ġ. Vella, "Fiż-Żebbuġ", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, editur M.J. Schiavone, Malta 1992, 217-8; Anon., *Il-Purċissjoni tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu fil-Parroċċa Arċipretali u Matriċi taż-Żebbuġ Għawdex*, Malta bla data, 3-4.

24 A. Quintano, *Storja ta' Raħal Ġdid*, Malta 1985, 58-9; G. Deguara, "F'Raħal Ġdid", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, editur M.J. Schiavone, Malta 1992, 169-72.

25 Joseph Bezzina (1992), 225 u 228; *Idem*, *The Gozo Cathedral and the Cathedral Museum – History and Guide*, Malta 1999, 33. Ta' min jinnota li, bejn l-1968 u l-1975, fuq direttiva tal-Kurja ta' Għawdex, il-purċissjonijiet tal-Passjoni f'Għawdex kienu joħorġu fil-Ħdud tar-Randan u mhux f'jum il-Ġimgħa l-Kbira.

# Illum tkun il-Ġenna miegħi

**Joseph Bonnici**



Il-Ħsieb tal-Poeżija: Din il-poeżija tiddeskrivi sitwazzjoni ta' djalogu ta' Ġesù mal-ħalliel it-tajjeb waqt li kienu msallbin flimkien fuq l-għolja tal-Golgota.

Int li qiegħed hawn ħdejja,
imsallab bħali fuq salib,
bil-mewt, li għalik ġejja;
sa ninsa lid-dnubiet tiegħek,
u nieħdok f'post 'l għalik tħejja.

Missieri jaħfer bħali,
għax iħobb lil min iridni,
u jeħilsu mill-għali,
li wassal biex lili jeqred;
u għalik il-ġenna rali.

Fl-għemil kont kontra tiegħi,
u għal dan ħaqqek il-kastig;
għalhekk tinsab hawn miegħi,
ħalli tintemm b'mewta kiefra,
imdendel b'rabta ħdejn driegħi.

Taqtax qalbek b'jiena ħdejk,
sa nara li tiġi mifdi,
għalhekk jien minn hawn dort lejk,
għax indimt, rajtni bla ħtija,
fuq hekk sar patt bejni u bejk.

Fi żmienek insejt l-għajrek,
meta sraqt lil min fettilek,
waqajt għal dak li ħajrek,
biex tagħmel dak li mhux sewwa,
u lin-nies b'ħalliel bdiet tgħajrek.

Fil-ġenna sa tkun miegħi,
tqim 'l Alla li mid-dnub ħelsek;
jien minnek nibbit friegħi,
biex jinxterdu, jagħmlu tajjeb,
għal nies miġjuba taħt driegħi.

27-08-2015

*Pastizzeria & Confectionery*

**Caterers for all Functions**

Robert Mercieca
*Proprietor*

**Triq iċ-Ċawsli, Qormi**
**Tel: 2744 2887 (Dolceria), 2144 0373 (Shop)**
**Mob: 9994 3394, 7744 0373**



# In-Nisa tal-Passjoni (L-Ewwel Parti)

*Siltiet mill-ktieb "The Women of the Passion" ta' Kathleen Murphy*



**maqluba liberalment għall-Malti minn Philip Balzan**

## Daħla

Dan huwa l-bidu ta' sensiela ta' kitbiet maħsuba biex jgħinuna nirriflettu fuq il-Passjoni ta' Sidna Ġesù permezz tal-istejjer ta' għadd ta' nisa li raw il-ġrajjiet ta' ħajjet Kristu jseħħu quddiem għajnejhom jew saħansitra daħlu fil-ġrajja mill-qrib. Dawn in-nisa jidħlu fi tliet kategoriji: dawk li Ġesù fejjaqhom fir-ruħ jew fil-ġisem; dawk li mxew warajH għat-tagħlim u l-viżjoni ta' tama ġdida li kien jagħti u mbagħad hemm OmmU Marija.

Kull waħda minnhom kellha l-istorja tagħha u waslet temmen fi Kristu wara li daqu esperjenza personali tiegħU. Minkejja t-tfixkil li sab mill-mexxejja reliġjużi u mir-restrizzjonijiet ġejjin mil-liġijiet u mid-drawwiet ta' żmienu, Ġesù ta kashom bħala individwi. Bi tpattija dawn in-nisa mxew warajH sal-aħħar u qasmu miegħU bil-mod li setgħu anke l-jiem tal-Passjoni, minkejja n-niket u l-perikli li kellhom jiffaċċjaw.

It-tbatija, l-agunija u l-Passjoni ta' Ġesù ma bdietx nhar Ħamis ix-Xirka imma mill-ħajja pubblika tiegħU, ħajja li kienet mhedda minn bosta għedewwa fosthom il-Fariżej, is-Saduċej, l-iskribi u l-mexxejja Lhud. It-tradiment tiegħU kien riżultat tal-ħidma u t-tagħlim tiegħU. Bdew idaħħlu d-dubju dwar b'liema awtorità kien jagħmel dawn l-affarijiet[1]. Nistgħu ngħidu li Ġesù kkundannaH għall-mewt minħabba li wettaq ir-rieda ta' MissierU meta għallem, fejjaq, tema l-poplu t'Alla fir-ruħ, fil-moħħ u fil-ġisem.

Il-mexxejja tal-Lhud ma fehmux il-missjoni ta' Kristu, jew aħjar fehmuha ħażin, raw fiha theddida f'imġiebtu u fit-tagħlim tiegħU. Ħassew il-pożizzjoni soċjali u reliġjuża tagħhom tiddajjef f'għajnejn il-poplu quddiem dan il-bniedem li ma kinux jistgħu jlaħħqu miegħU, ma setgħux irażżnuH. Dan ma setgħax ma jkunx sors ta' niket kbir għal Ġesù waqt li kien jagħmel minn kollox biex jerfa' lill-batut, lid-dgħajjef u lil dak imwarrab mis-soċjetà. Tlieta mill-Evanġelisti[2] jiktbu li ommU u qrabatu kienu nkwetati għaliH – u dan juri li Hu kien qed jgħaddi ħajja ta' tbatija mentali u emozzjonali. Min jaf kemm ommU kienet tinkwieta meta taraH imdawwar bl-għedewwa jħammu kif se jeħilsu minnu. Dan minbarra l-għejja u t-tbatija fiżika ta' ħajja ta' min dejjem jiġri minn belt għall-oħra bit-tiġrib li l-ivvjaġġar kien iġib miegħu.

Huwa kurjuż li minkejja dawn il-perikli kollha li kienu jiġru miegħU kullimkien, in-nisa kienu fost l-aktar segwaċi fidili li ma kienux jibżgħu jimxu warajH u jieħdu ħsiebU[3]. Imma lanqas dawn ma setgħu jifhmu biżżejjed l-aguniji mentali li kien jgħaddi minnhom, it-taqtiegħ il-qalb li kien iħoss, id-dispjaċiri u d-diżappunti li kellu jsofri ta' kuljum. U Hu baqa' għaddej bil-missjoni tiegħU bla ma ħalla dan kollu jfixklu.

Mhux daqstant tal-istagħġib li Ġesù kellu għadd ta' nisa devoti lejH sal-aħħar matul il-ħajja pubblika tiegħU għax Hu wera li jifhimhom, jagħdirhom u kien dejjem solidari magħhom bla ma ta kas ir-razza, il-klassi soċjali jew kulturali tagħhom, it-twemmin jew l-istat morali ta' ħajjithom. Kienu x'kienu, fejjaqhom[4], sabbarhom[5] temagħhom[6], kiel magħhom[7] u ħafrilhom[8] dnubiethom. "Ġesù mar lil hinn mid-drawwiet u n-normi ta' żmienu u ttratta lin-nisa bi stima u ħlewwa, aċċettahom fil-beraħ u b'hekk onora d-dinjità li l-mara dejjem kellha fil-pjan t'Alla."[9]

Lil Ġesù sabuh fis-sofferenzi tagħhom u Hu aċċetta minn jeddu t-toqol u l-uġiegħ mentali u emozzjonali tal-inġustizzji li kienu jagħmlulu l-gruppi reliġjużi ta' pajjiżu u b'hekk ħaffef il-piż ta' dawk in-nisa li kellhom bżonn serħan fil-ġisem u fir-ruħ[10]. Minħabba f'din il-passjoni tiegħU kienet proċess kontinwu li mexa tul il-ħajja pubblika tiegħU b'pass dejjem aktar jgħaġġel aktar ma jgħaddi ż-żmien u li laħaq il-quċċata tiegħu f'Ħamis ix-Xirka u fit-tislib l-għada.



*Ġesù jiltaqa' man-nisa ta' Ġerusalemm*

Għalhekk b'qima lejn Ġesù u b'rispett lejn Ommu u lejn in-nisa li mxew warajh minn Galileja, "li kienu jafuh qagħdu jaraw kollox mill-bogħod"[11] u dawk in-nisa li kienu fost il-kotra miexja warajh li "bdew iħabbtu fuq sidirhomu u jibkuh" u li lilhom Ġesù qal, "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom."[12] Dawn kollha flimkien jiffurmaw il-grupp ta' nisa li qed insejjħulhom 'in-nisa tal-passjoni'. L-għedewwa ta' Ġesù nqdew mhux ftit bl-imġieba tiegħU lejn dawn in-nisa meta ressqu l-akkużi inġusti, xi drabi konfliġġenti, kontrih. Kien ilhom tliet snin jiġbru x-xhieda li tressqu quddiem is-Sanhedrin[13] u quddiem Pilatu[14].

Bir-raġun li lil dawn in-nisa Ġesù sabhom fil-ħin tat-tiġrib il-kbir, bħalma huma kienu sabu lilU meta ħtieġuh. Huwa f'dan id-dawl li se nħallu lil dawn in-nisa jkellmuna fuq Ġesù, biex juruna kif is-servizz nobbli li Hu ta lilhom kkaġunalu ħafna tbatija u għaliex huma ma beżgħux jibqgħu miegħu sal-aħħar mument ta' mewtu fuq salib. Huwa ttamat li l-istejjer li għandhom x'jgħidulna, jisfidaw il-fidi u l-imġieba tagħna, iqajjmu fina sens ikbar ta' gratitudni u jgħinuna nkattru l-paċi tar-ruħ. Għandhom ukoll jgħinuna ngħarfu aħjar l-missjoni tagħna fil-ħajja u jħeġġuna għal aktar għemejjel tajba fir-relazzjonijiet spiritwali u soċjali tagħna. Huwa minħabba l-bidla li huma ħallew lil Ġesù jagħmel fihom, li huma sabu posthom fl-evanġelji u fl-istorja tal-insara. Meta niflu l-istejjer tagħhom, inħalluhom jgħinuna nifhmu aħjar lilna nfusna, nitgħallmu nġorru aħjar is-slaleb tagħna u ntejjbu r-relazzjonijiet tagħna ma' Alla u mal-proxxmu.

## Il-Mara ta' Betanja li dilket lil Ġesù *(Mattew 26:6-13)*


Il-Mara ta' Betanja tidlek riġlejn Ġesù

Ġesù nduna u qalilhom: "Għaliex qegħdin iddejquha lil din il-mara? Ħaġa tajba għamlet miegħi. Il-foqra ssibuhom dejjem magħkom, imma lili mhux se ssibuni dejjem magħkom. Jekk hija xerrdet din il-fwieħa fuq ġismi, dan għamlitu bi tħejjija għad-difna tiegħi. Tassew ngħidilkom li kull fejn tixxandar din il-bxara t-tajba fid-dinja kollha, li għamlet din jingħad ukoll, b'tifkira tagħha."[15]

Din il-mara minn Betanja kienet ħalliet warajha d-dell tal-ħajja tad-dnub u daħlet fid-dawl tal-grazzja minħabba li esperjenzat lil Kristu. Tant saret qawwija l-fidi tagħha li ma ddejqet xejn tidħol bla mistiedna fil-festin li kien qed isir għal Ġesù f'dar Xmun l-imġiddem. Ma daħlitx hemm biex tiżfen jew biex tagħti pjaċir lill-mistednin imma biex taqdi. Riedet tfaħħar lil Ġesù quddiem in-nies. Tfaċċat minn qalb id-dellijiet tal-għabex u daħlet f'dar imdawwla qisha għal xi festa. Il-preżenza tagħha ħasdet lil kulmin kien hemm. L-istorja tagħha hija rrakkonta bħala parti mill-istorja tal-passjoni[16]. Ġwanni[17] jgħid li jisimha Marija u minħabba f'hekk hija magħrufa bħala Marija ta' Betanja - li mhix Marija l-Madalena.

Mattew u Marku jirrakkontaw li Ġesù kien qed jiekol fid-dar ta' Xmun il-lebbruż xħin daħlet mara u dilket ras Ġesù b'ingwent li jiswa ħafna. Il-missjoni ta' Ġesù kienet tlaqqgħu mal-midinbin u dawk imwarrba mill-oħrajn u kien għalhekk li kien qiegħed hemm. L-istudjużi jaħsbu li l-għemil ta' dil-mara kien profetiku[18]. Aktarx kienet waħda minn dawk li ftit jiem qabel semgħu lil Ġesù iħabbar lid-dixxipli li Bin il-Bniedem kellu jkun mislub. B'għemilha wriet li kienet tagħraf lil Ġesù bħala l-Messija. Il-Lhud kienu jqisu r-ritwal tad-dilka tar-ras bħala konferma ta' mexxej li bid-dilka kien ikun immarkat bħala sagru. Għalhekk kien isir lir-rejiet, profeti u qassisin. Mhix ħaġa kbira li dan l-għemil ta' din il-mara, li rrabja mhux ftit lil-Lhud li kien hemm u lill-kapijiet tal-poplu, aktarx għaġġel il-proċess li wassal għall-passjoni u l-mewt ta' Kristu. L-għemil silenzjuż tagħha sfida lil dawk preżenti u saħansitra wħud mid-dixxipli rġiel tkażaw bil-ħela. Dawn għalkemm kien ilhom madwarU ma fehmux mill-ewwel it-tifsira ta' din id-dilka. Lanqas ma setgħu jobsru x'kien se jiġri fil-jiem ta' wara. Għal kuntrarju jista' jkun li hi, bħala waħda mid-dixxipli nisa kienet taf sewwa x'kienet qed tagħmel waqt li l-appostli kien għadhom qed jippruvaw jifhmu dak li kienu daħlu għalih meta għażlu li jimxu wara Ġesù, kienu jisimgħu dak li jgħidilhom bla ma jifhmu sewwa t-tifsir, kienu jgħixu minn jum għall-ieħor bla ma jifhmu fejn se jaslu. Mitlufin kif kienu jsegwu lil Ġesù ma kienux qed jagħtu kas dak li kien qed jiġri madwarhom fil-pajjiż. Tant hu hekk li ftit wara dan l-episodju, Ġuda mar ibiegħ lill-imgħallem tiegħu lill-qassisin il-kbar.

Din il-mara wieġbet it-tgergir ta' dawk li kienu għand Xmun bis-skiet u Ġesù ddefendiha billi rrikonoxxa l-imħabba, il-fidi u l-ġenerożità tagħha. L-istorja tal-bnedmin turi li xogħol in-nisa aktar iva milli le, la kien rikonoxxut u wisq inqas ippremjat. Ġesù f'din l-okkażjoni wera li kien kontra din l-inġustizzja soċjali. Issorprenda lid-dixxipli meta qalilhom li dik id-dilka kienet bħal tħejjija għad-difna tiegħU li ma kinitx fil-bogħod[19]. Għal Ġesù din kienet l-unika dilka u saritlu minn mara li waħedha kellha l-viżjoni u l-kuraġġ li tieħu l-inizjattiva li tagħmel azzjoni xierqa għalkemm dehret estravaganti u skabruża. B'dan l-għemil din il-mara tista' titqies li tirrappreżenta lin-nisa kollha għal dik li hija mħabba, ħniena u fidi. Hija tat kulma kellha filwaqt li l-irġiel li kien hemm gergru u kkritikaw lil Kristu bħalma missirijiethom kienu għamlu kontra Mosè mijiet ta' snin qabel fid-deżert.

Ġesù stess ddikjara li kull fejn jixxandar l-evanġelju, din il-mara titfakkar għal dan l-għemil tagħha. Rebħet post fl-istorja bla ma kellha għalfejn tagħmel manuvri jew tuża mekkaniżmi ta' poter. Kien Ġesù stess li wera x'issarraf meta minn fommU stqarr kif kellha tibqa' mfakkra.

## Xi riflessjonijiet

Din il-ġrajja seħħet f'Betanja, post il-lebbrużi, dawk li f'għajnejn l-oħrajn, jgħixu fid-dell tad-dnub, bħalma kienet il-ħajja ta' dil-mara qabel saret taf lil Ġesù. Imma issa ħajjitha nbidlet, kienet qed tgħix fid-dawl tal-grazzja t'Alla u hi kienet lesta taqsam din l-esperjenza mal-oħrajn waqt li fl-istess ħin tisfidhom li jagħmlu bħalha. Ma beżgħetx toħroġ fil-pubbliku. U aktar ma' resqgħet qrib id-dawl ta' Kristu aktar id-dellijiet tal-ħajja midinba ċkienu, tbegħedu u għebu.

Meta naħsbu fuq ġidna, bosta minna moħħhom l-aktar fil-flus u l-propjetà u mhux f'li jgħinu lil dawk li jgħixu fid-dell tal-ħajja, nieqsa mill-bżonnijiet ta' kuljum. Nagħtu kas li hawn żgħażagħ li jgħixu fid-dellijiet li trabbew fihom bla ma jafu kif joħorġu minn dik it-tip ta' ħajja. Huwa fid-dar li t-tfal jitgħallmu jfittxu d-dawl, jitgħallmu l-valuri tal-ħajja. Il-ġenituri li qalgħu maħfra huma l-aktar li jafu jgħaddu dan il-valur lil uliedhom.

Jekk ngħixu bis-sens ta' ħtija f'moħħna anke meta nkunu qlajna l-maħfra nkunu bqajna ngħixu fid-dell u ninsew li Alla ma jibqax iħares lejn l-iżbalji u d-dnubiet l-imgħoddija tagħna. L-istedina li jagħmlilna Alla hija li noħorġu għad-dawl sa minn din il-ħajja biex naqbdu t-triq għad-dawl ta' dejjem.

**Referenzi**

[1] Fl-Evanġelji ta' San Mark (kap 11, versi 28-29) u ta' San Mattew (kap 21, versi 23-24) naqraw li meta 'daħal fit-Tempju, u waqt li kien qiegħed jgħallem, resqu fuqu l-qassisin. il-kbar u x-xjuħ tal-poplu u qalulu: "Int b'liema setgħa qiegħed tagħmel dan kollu? U min tahielek din is-setgħa?" U Ġesù qalilhom "Ħa nagħmlilkom mistoqsija waħda jien ukoll; jekk twieġbuni għaliha, jien ukoll ngħidilkom b'liema setgħa qiegħed nagħmel dan kollu. Il-magħmudija ta' Ġwanni minn fejn kienet ġejja, mis-sema jew mill-bnedmin?"
[2] Mattew, 12:46; Mark 3:31 u Luqa 8:20.
[3] Mattew, 27:55-56; Mark 15:40-42 u Luqa 23:28.
[4] Mattew, 9:20-22; Mark 7:22-29.
[5] Luqa, 7:12-15.
[6] Mattew, 14:15-21.
[7] Luqa, 10:30-42,
[8] Luqa, 7:37-50 u 13:11-16.
[9] Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-Ittra lin-nisa, nru 3, 1995.
[10] Luqa, 13:11-17.
[11] Luqa, 23:49.
[12] Luqa, 23:27-28.
[13] Mark, 14:53-64.
[14] Mark, 15:1-5.
[15] Mattew, 26:10-13.
[16] Mattew, 26:6-13; Mark, 14:3-9. Ukoll Luqa 7:36-50 – imma b'tagħlima differenti.
[17] Ġwanni, 12:1-8.
[18] Mary Anne Getty Sullivan, Women in the New Testament, The Liturgical Press, Collegeville, Mn. 2001, p212.
[19] Xi studjużi jqabbluha mad-dilka tal-Griżma tal-morda.




# Każin Banda San Filep

Andre Vella il-Barman ġdid
ċemplu fuq 9966 4561

*Għal xarba ġenwina mal-ħbieb u mal-familja b'appetizers mill-aqwa.*

*Ikliet f'kull ħin f'post komdu.*

# Il-qawmien mill-mewt ta' Ġesù – misteru ta' mħabba



**Nutar Chev. Dr Philip Ellul**

LL.B., Dip. Not. Pub., LL.D., KLJ

Fl-istorja tal-Kristjaneżmu, il-ġrajja tal-qawmien mill-mewt ta' Ġesù Kristu ġiet mistħarrġa minn aspetti differenti. Din il-ġrajja tiġi ppreżentata bħala misteru ta' fidwa, misteru ta' fidi, misteru ta' tama. Xi drabi hemm min jirreferi għaliha wkoll bħala misteru ta' mħabba. Huwa proprju rigward dan l-aspett aħħari li nixtieq li naqsam miegħek ftit riflessjonijiet.

Il-ġrajja tal-qawmien mill-mewt ta' Ġesù Kristu bħala misteru ta' mħabba, nistgħu ninterpretawha billi naqsmuha f'numru ta' relazzjonijiet reċiproki: ir-relazzjoni ta' Alla l-Missier ma' Alla l-Iben; ir-relazzjoni ta' Alla l-Iben miegħu nnifsu; ir-relazzjoni ta' Alla l-Ispirtu s-Santu ma' Alla l-Iben; ir-relazzjoni tal-Iben irxuxtat mal-bnedmin kollha b'mod ġenerali u mal-Knisja b'mod partikulari; u fl-aħħar nett ir-relazzjoni tal-bnedmin kollha mal-Iben irxuxtat.

In-natura reċiproka tal-imħabba hija waħda mit-temi ewlenin tal-Ittra Enċiklika "*Dives in Misericordia*" tal-Papa San Ġwanni Pawlu II, li jfakkarna kif l-imħabba, u b'mod partikulari l-imħabba mimlija bil-ħniena, ma tista' qatt titqies bħala att jew proċess unilaterali, iżda teżisti r-reċiproċità tal-imħabba.

Fin-natura intrinsika tagħha, l-imħabba titlob neċessarjament li jkun hemm xi tip ta' reċiproċità. Meta jien inħobb lil xi ħadd, inkun nixtieq li l-imħabba li noffri nirċeviha lura mingħand il-persuna l-oħra. Hekk pereżempju naraw fil-parabbola tal-Iben il-Ħali, fejn il-missier jittama li ibnu jpattilu għal imħabbtu u li b'dan il-mod jirnexxielu jibni djalogu ġdid ma' iben li kien għoddu tilef għal kollox. Għaldaqstant, f'din il-parabbola naraw iseħħ quddiem għajnejna vjaġġ reċiproku mill-missier lejn l-iben u mill-iben lejn il-missier. Hekk ukoll fil-ġrajja tal-qawmien mill-mewt ta' Ġesù Kristu, naraw iseħħu żewġ vjaġġi ta' mħabba: wieħed minn Ġesù lejn il-Missier u viċi versa, u l-ieħor minn Ġesù lejn l-umanità kollha u viċi versa.

L-Evanġelji hekk imsejħa 'sinottiċi' (San Mark, San Mattew u San Luqa) jippreżentawlna relazzjoni doppja ta' mħabba: relazzjoni vertikali

# Vanity Fare



Cosmetics, Perfumes,
Agent for: Hair Accessories

109, Triq Frans Sammut
*(qabel magħrufa bħala Triq l-Isqof Caruana)*
Żebbuġ, Malta
*Tel: 2146 3813 • Mob: 9927 7295*

Find us on Facebook

# ZAMMIT BUTCHER




**Triq il-Gandlora, Żebbuġ (Malta)**
**E-mail: zammitbutcher@gmail.com**
**Web: www.zammitbutcher.webs.com**
**Opening Hours:**
**Tue, Wed & Fri: 7.00am-12.00pm & 4.00pm-6.30pm**
**Thu & Sat: 7.00am - 12.00pm**

Fresh Beef • Fresh Pork
Fresh Chicken • Frozen Beef
Frozen Lamb • Horse Meat
Home Made Burgers
BBQ Sausages
Marinated Meats

FREE DELIVERY

# Żebbuġ Stationers & Newsagents

*For all kinds of stationery, magazines, books, a large selection of greeting cards, toys, gifts, watches, lamination, photocopying service, digital printing, developing and printing of films and more ....*

**Sciortino Street, Żebbuġ • Tel: 21466076, 21462545**

bejn Alla l-Missier u Alla l-Iben u relazzjoni orizzontali bejn Alla l-Iben u l-umanità. Rigward ir-relazzjoni vertikali, l-Evanġelju ta' San Mark jagħmel riferenza, fil-kuntest tal-magħmudija ta' Ġesù, għal vuċi mis-sema. Wara li ġie mgħammed minn Ġwanni l-Battista fix-xmara Ġordan, Ġesù jitla' mill-ilma u dlonk tinstema' vuċi mis-sema li tlissen il-kliem: "Int Ibni l-għażiż; Fik insib l-għaxqa tiegħi". L-istess jiġri fil-mument tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù fuq il-muntanja Tabor, fejn tinstema' vuċi ħierġa minn qalb is-sħab li tlissen: "Dan huwa Ibni l-għażiż".

Min-naħa ta' Ġesù, jispikka atteġġjament intimu ta' mħabba għal Alla, li huwa jsejjaħlu: "Abba, Missier". Però fl-istess ħin tispikka wkoll ubbidjenza liema bħalha li tilħaq il-qofol tagħha fil-Ġetsemani, meta Ġesù, waqt li jkun qed jegħreq l-għaraq tad-demm, ilissen il-kliem: "Missier, kollox huwa possibbli għalik; biegħed minni dan il-kalċi! Imma mhux kif irrid jien, iżda kif trid Int".


Kristu Rxoxt, ta' Antonio Mifsud

Minkejja din ir-relazzjoni ta' mħabba daqstant intima bejn il-Missier u l-Iben, kollox donnu jintemm fix-xejn bil-karba ta' Ġesù fuq is-Salib: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" Din id-darba ma jkun hemm ebda risposta. Nistgħu ngħidu li r-relazzjoni vertikali ta' mħabba bejn il-Missier u l-Iben tixxaqqaq bis-silenzju tal-mewt.

Fil-ministeru ta' Ġesù naraw ukoll ir-relazzjoni orizzontali tal-imħabba murija minnu lill-umanità. Ġesù jagħraf lill-bnedmin u jagħmel lilu nnifsu don għalihom. Ma jwarrab lil ħadd, lanqas lill-morda, lil-lebbrużi, lit-tfal, lill-pubblikani u saħansitra lill-għedewwa tiegħu. Fil-preżenza ta' Ġesù, kulħadd iħossu daqslikieku qiegħed f'daru.

Meta l-Evanġelji sinottiċi jitkellmu dwar il-ħidma pubblika ta' Ġesù, ħafna drabi ma jużawx termini marbuta direttament mal-imħabba. Madankollu, jirreferu għal ħidma ispirata mill-imħabba u mix-xewqa profonda ta' qadi lill-oħrajn. Fl-Evanġelju ta' San Luqa, Ġesù jiġbor il-ħidma pubblika tiegħu permezz ta' dan il-kliem: "Jien qiegħed f'nofskom nagħmilha ta' qaddej".

Dan jixhed kemm tassew il-ħidma pubblika ta' Ġesù kienet ispirata totalment mill-imħabba.

Għal Ġesù, din l-imħabba kienet titqies profondament perikoluża, jekk mhux saħansitra fatali. Billi jinsa lilu nnifsu u jipprova jgħin lill-oħrajn, Ġesù rriskja li jitlef kollox. L-imħabba tiegħu setgħet twasslu għat-telfien tiegħu nnifsu. Fil-verità, it-tagħlim tiegħu u l-istil ta' ħajja li għex, ikkaratterizzati minn imħabba u ħniena għall-oħrajn, wasslu lil Ġesù għall-mewt tiegħu. Fi kliem ieħor, il-fatt li Ġesù għex ħajja pubblika mogħtija kompletament għall-umanità, skont ir-rieda ta' Missieru, wasslitu sal-Kalvarju. Kif jgħid Missierna San Pawl, l-Iben ta' Alla ħabbna daqstant li ta ħajtu għalina.

Uħud però jistaqsu: "Dak li tassew ħabb b'mod assolut lill-umanità, xi frott ħasad minn din l-imħabba? It-tweġiba għal din il-mistoqsija nsibuha fil-qawmien mill-mewt ta' Ġesù Kristu. Permezz ta' din il-ġrajja unika, nistgħu ngħidu li Alla l-Missier approva lil Ibnu. Il-qawmien mill-mewt tal-Iben huwa att suprem ta' approvazzjoni mill-Missier. L-Iben irxuxtat huwa l-Iben imfejjaq u salvat; l-Iben li rebaħ il-mewt u t-telfien b'mod definittiv.

Il-frott tal-imħabba paterna twassal għal ħajja ġdida. Fil-qawmien mill-mewt, naraw lill-Missier jibdel lil Ibnu fi glorja u sbuħija li jisbqu dak kollu li l-moħħ tal-bniedem jista' qatt jimmaġina. Il-Missier juri l-fedelta' tiegħu lejn Ibnu u lejn l-umanità. Juri l-imħabba u l-ħniena bla tarf tiegħu, li huma wisq aktar b'saħħithom mit-telfien. Lanqas il-mewt innifisha ma tista' tegħleb din il-fedeltà divina. L-imħabba murija mill-Missier iċċarrat lil Ibnu l-maħbub mill-mewt u tigglorifikah b'sinjal ta' fedeltà assoluta u dejjiema li twassal għall-fidwa tal-umanità kollha.

centre point.
STATIONERY

FOR ALL YOUR STATIONERY NEEDS, GREETING CARDS, TOYS & GIFTS FOR ALL OCCASSIONS, PHOTOCOPY, BINDING & LAMINATION SERVICE, BOOK COVERING, INK CARTRIDGES...

VJAL IL-ĦELSIEN, ŻEBBUĠ
TEL: 2146 1500

Find us on Facebook

# Ħniena u Rikonċiljazzjoni



**Philip E. Said**

Fit-12 ta' April 2015, il-Papa Franġisku nieda l-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena permezz tad-digriet *Misericordiae Vultus* (*Il-Wiċċ tal-Ħniena*). Sena wara, f'April 2016, Franġisku jagħtina l-viżjoni tiegħu tal-ħniena fi ktieb mibni fuq l-esperjenza vasta tiegħu bħala bniedem, saċerdot Ġiżwita, Isqof u Papa. Il-ktieb, pubblikazzjoni Piemme u li l-Papa stess ried li jkun jismu, *L-Isem ta' Alla hu Ħniena*, hu riżultat ta' konversazzjonijiet sinċieri ma' Andrea Tornielli, reporter veteran tal-Vatikan, korrispondent influenti għal *La Stampa*, u direttur tal-websajt tal-Vatikan.



Fost dawn l-esperjenzi, b'tagħlimiet ta' teoloġija profonda mfissra b'lingwaġġ sempliċi li jolqot fil-laħam il-ħaj ta' min jaqrahom, il-Papa jsemmi episodju, li baqa' jġorr fil-memorja, mir-rumanz ta' Bruce Marshall, *To Every Man a Penny*. L-awtur jirrakkonta l-esperjenza tal-protagonist tar-rumanz, l-abbati Father Gaston. Father Gaston ried jisma' l-qrara ta' suldat żagħżugħ Ġermaniż li l-partiġġjani Franċiżi kienu waslu biex jikkundannaw għall-mewt. Fil-qrara, is-suldat stqarr li ħajtu kien għaddieha f'esperjenzi amorużi bla rażan ma' ħafna nisa. Fr. Gaston fissirlu li ma setax jagħtih assoluzzjoni minn dnubietu qabel ma juri rimors u ndiema. L-indiema, kompla l-qassis, kienet il-kundizzjoni neċessarja għall-maħfra minn Alla permezz tal-qrar. Wieġbu s-suldat, "Kif nista' nindem jew nuri sogħba? Kienu esperjenzi li ħadt pjaċir bihom, u li kieku kelli ngħixhom mill-ġdid ma nitlifx din l-opportunità. Kif qatt nista' jisgħobbija?" Father Gaston li ried juri l-ħniena t'Alla u jirrikonċilja 'l dan is-suldat żagħżugħ li d-destin kien wasslu f'xifer il-mewt skont il-liġijiet tal-gwerra, f'salt intlaqat minn idea li ispiratu x'kellu jagħmel f'dak il-mument kritiku għalih u għaż-żagħżugħ penitent. "Iżda, għidli," reġa' staqsih Gaston, "Jiddispjaċik

# Paul Woodworks

Prop. PAUL SCHEMBRI

Garage No. 2 Plot 17,
N/S Off Mdina Road,
Żebbuġ, Malta

Tel: 2146 6615



# THE ROSE SHOP

**24 Hours Delivery Service 7 days a week**

New Street, Qormi
Tel: 2148 3341
Ray: 9945 8532
Mike: 9946 6696







# Il-bank tiegħek fil-qalb tal-komunità

L-HSBC huwa l-bank li jinsab fil-qalba tal-komunità tiegħek. B'għarfien internazzjonali u esperjenza lokali, aħna nistgħu ngħinuk tieħu ħsieb aħjar il-finanzi tiegħek. Il-fergħat tagħna huma miftuħin kuljum f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, b'xi wħud mill-fergħat joffru wkoll servizz ta' filgħaxija.

Għalhekk ejja żurna u flimkien niddiskutu l-bżonnijiet bankarji tiegħek. L-impjegati tagħna, kollha mħarrġa fil-*customer service* u mmexxija minn *branch manager* b'esperjenza kbira fil-qasam bankarju jinsabu ħerqana biex ikunu ta' servizz għalik.

Ċempel **2380 2380**
Żur **hsbc.com.mt**
Mur **fl-eqreb fergħa**

HSBC

Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c. 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444.

li ma tistax turi sogħba, li ma tistax tħossok niedem mill-esperjenzi mtajra u bla rażan li kellek? Jiddispjaċik li m'intix turi ndiema għal dnubietek? Iż-żagħżugħ wieġeb mill-ewwel, b'ton ta' wieħed impulsiv, "Daż-żgur li jiddispjaċini li ma nistax inħossni niedem, li m'għandix rimors u ndiema!" Fi kliem ieħor, dak is-suldat żagħżugħ kien qed jitlob lis-saċerdot apoloġija li ma setax juri ndiema dak il-ħin. Fr. Gaston, jintemm l-episodju tar-rumanz, interpreta din l-istqarrija sinċiera bħala grad biżżejjed ta' ndiema li kienet timmerita l-assoluzzjoni min-naħa tiegħu.

Bħal Don Luigi Giussani li spiss kien jikkwota din il-ġrajja minn *To Every Man a Penny* ta' Bruce Marshall, Franġisku jieħu dan l-episodu bħala eżempju tar-relazzjoni bejn ir-rikonċiljazzjoni u l-ħniena.

Fil-konversazzjonijiet tiegħu mar-reporter Tornielli u mal-qarrejja, il-Papa jelabora fuq din ir-relazzjoni. Il-ħniena fl-imħabba, jgħid Franġisku, taf tesplora kwalunkwe ftuħ, kull possibiltà għar-rikonċiljazzjoni, tfittex saħansitra l-iċken opportunità, tara li ma tħalli l-ebda bieb magħluq biex tersaq lejn il-bniedem midrub. U meta tinduna li l-bieb jista' jitbexxaq ftit, tħaffef tittawwal, tindaga u tara kif tidħol 'il ġewwa biex tiltaqa' mal-bniedem ferut u mweġġa'. Il-ħniena tagħraf li d-dnub mhux tebgħa li titnaddaf jew titħassar kif innaddfu t-tbajja tal-ħwejjeġ bil-ħasil jew kif inħassru bil-gomma żball miktub fuq biċċa karta. Id-dnub hu weġgħa, ġerħa fil-fond ta' ruħ u qalb il-bniedem. U ferita tenħtieġ il-kura ġentili ta' min jaqsam l-uġigħ tagħha magħha, teħtieġ tiddewwa u titfejjaq. Ferita tenħtieġ li tkun mismugħa, mifhuma, li tħoss is-sħana ta' tgħanniqa ta' ħbiberija, ta' bewsa ta' sliem. Hu propju hawn fejn jiltaqgħu l-ħniena u r-rikonċiljazzjoni mal-bniedem li jfittex li jqum mill-ġdid fuq riġlejh mill-waqgħat tiegħu. Dan hu s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni fil-mument ta' stqarrija (minn hawn ġejja l-kelma qrara, tqerr) ta' indiema, ukoll fejn għallinqas tkun tidher ir-rieda ta' ndiema. Il-ħniena kbira tal-Mulej lesta li taċċetta anke l-minimu ta' ndiema u tibni fuqha biex tqabbad it-triq tar-rikonċiljazzjoni.


Ġesù tal-Ħniena Divina

Ħniena u rikonċiljazzjoni mhumiex kelmiet astratti, xi teorija jew filosofija tal-ħajja. Huma realtà konkreta, eżistenzjali, esperjenza prattika fil-ħajja tal-

bniedem li jaqa', iweġġa', jitfiera, iżda li għandu l-kapaċità jqum mill-ġdid fuq saqajh jekk joħroġ idu biex jaqbad l-Id tal-Ħniena li twieżnu jqum bl-imħabba kollha ta' Missier lejn uliedu miġugħa. Din il-verità ta' ħniena u maħfra hi sewwasew ir-rikonċiljazzjoni. Mhix stqarrija ta' ħtijiet u sogħba ta' bniedem miegħu nnifsu bħallikieku qiegħed jitkellem quddiem mera. Hi laqgħa ta' bniedem niedem ma' persuna oħra li tilqgħu f'isem il-ħniena ta' Kristu, li lesta li tisimgħu mingħajr ma tinterrogah, titkellem miegħu, tifhmu, u bil-paċenzja ta' missier l-iben il-ħali turih direzzjoni ġdida, alternattivi ta' ħajja ġdida, possibiltajiet ta' fejqan u qawmien. Li tistqarr ħtijietek ma' persuna bil-leġittimità ta' Kristu, f'isem il-ħniena t'Alla u tal-Knisja hi l-ewwel pass u l-aqwa sinjal ta' ndiema quddiem Alla Ħanin li jinżel ħdejk biex jagħtik il-bewsa tas-sliem u t-tgħanniqa ta' mħabba.

Jekk dawn ir-riflessjonijiet fuq ir-relazzjoni bejn ħniena u rikonċiljazzjoni huma relevanti għas-sena kollha, isibu tifsira aktar qawwija għal żmien ir-Randan, iż-żmien speċjali tal-ħniena u tar-rikonċiljazzjoni. It-tifkira u ċ-ċelebrazzjoni tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Kristu huma l-akbar espressjoni ta' ħniena u rikonċiljazzjoni. Huma verament l-Għid il-Kbir tal-Ħniena, il-Misteru ta' tiġdid u rikonċiljazzjoni tal-ħolqien kollu.

**Hair Creations by Daniela**
Hair Salon & Retail Shop

Daniela Cortis Micallef
*Fully Qualified Hairdresser*

38, Vjal il-Ħelsien
Ħaż-Żebbuġ ZBG 2073

Tel: 2146 4354
Mob: 9985 7319

Email: haircreationsbydaniela@yahoo.co.uk

# Il-Ġimgħa Mqaddsa f'Malaga, Spanja

**Kitba ta' Philip Balzan**



Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa f'Malaga tħabbatha sewwa ma' dik f'Sevilja, li forsi hija xi ftit aktar magħrufa fostna. Hemm xebħ kbir fil-mod kif dawn iż-żewġt ibliet kbar ifakkru din il-ġrajja reliġjuża matul ġimgħa sħiħa ta' purċissjonijiet ta' kuljum organizzati minn fratellanzi differenti. Hemm eluf miktubin f'kull waħda minn dawn il-fratellanzi, li kull waħda minnhom għandha żewġ vari jew kif jgħidulhom huma tronijiet: wieħed ta' Kristu u ieħor tad-Duluri. Dawn jinżammu aktarx fid-'djar' jew 'sede' tal-fratellanza għalkemm xi wħud jinżammu fi knejjes. Id-daqs tagħhom huwa ta' bejn wieħed u ieħor ta' żewġ metri wisa b'erba' metri tul u jerfgħu fihom bejn mija u ħamsin u mitejn raġel li wħud minnhom ikunu mal-bsaten u oħrajn ikunu 'moħbijin' taħt it-tron wara d-drapp li jdawwar il-vara. Dawn iridu jkunu b'saħħithom biżżejjed li jġorru piż ta' xi erbgħin kilogramm fuq spallejhom għal tul ta' xi sitt sigħat – li matulhom jistrieħu kull ftit ħin.

Il-fratellanzi jimplikaw bejniethom min iżejjen l-aktar u l-isbaħ iż-żewġ tronijiet, imma l-aktar dak tad-Duluri. Jużaw drapp rikk, b'mod abbundanti, u jinduraw l-iskultura tat-tron b'fidda u deheb. It-tron tad-Duluri aktarx ikollu baldakkin kbir fuq ras il-Madonna li tkun imlibbsa mant twil li jibqa' nieżel fuq wara tal-vara. Hemm xebħ kbir fil-forma bejn it-tronijiet tad-Duluri tal-bosta fratellanzi filwaqt li fit-tron l-ieħor issib varjazzjonijiet fix-xeni meħudin mill-passjoni ta' Ġesù.



*Ecce Homo*

Quddiem l-ewwel tron – dak ta' Kristu jimxu għadd ta' fratelli, wara l-istandard tal-

# Express
## Aluminium Limited

Importers and manufacturers of all type of aluminium works, specialising in circular works with more than 13 years experience in craftsmanship and finish.

***Our range of products include:***

**Showroom Façades, Vertical Blinds, Maltese Style Balcony, Rolling & Sliding Nets, Light Weight Aluminium Chairs and Folding Tables, Roller Shutters, Work In Double-Glazing Finish & Spiral Staircases**

*Give us a ring or call personally for advice and free estimates at our showroom where we are always available to help you make the right decision.*

**"Express Building", Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta**
**Tel: 2146 1078 / 2146 5110 • Fax: 2146 5798**



fratellanza, l-ewwel it-tfal imbagħad iż-żgħażagħ u wara l-kbar, kollha liebsa kunfratija u f'rashom speċi ta' kappell għoli forma ta' lembut maqlub. Il-lewn tal-kunfratija u tal-kappell jiddistingwi fratellanza minn oħra. Ħafna minnhom iġorru f'idejhom xemgħa jew salib inkella bastun bi xbieha ta' Kristu msallab, werqa tal-palm jew xi ornament marbut mal-passjoni ta' Kristu. Warajhom jimxu grupp ta' xi tużżana daqqaqa tat-tanburi li joħolqu r-rittmu tal-mixja tar-reffiegħa. Imbagħad timxi l-banda li ddoqq mużika monotona imma ritmika kull x'ħin jieqaf id-daqq tat-tanburi. Fuq quddiem tat-tron issib qanpiena li tintuża minn dak li jkun imexxi it-tron biex jgħati s-sinjal lir-reffiegħa x'ħin għandhom iserrħu jew jerfgħu. Dan jiġri kull meta jkunu mxew madwar għaxar metri. Bejn l-ewwel tron u t-tieni timxi banda oħra. Għalhekk tista' tgħid illi l-ħin kollu jinstema xi daqq jew ta' waħda mill-baned inkella tat-tanburi.



Duluri

Wara d-Duluri jimxu grupp nisa msejjħa *majas*, liebsa lbies iswed eleganti, ingwanti suwed trasparenti u fuq rashom velu twil iswed ukoll miżmum f'postu b'moxt kbir.

Minn Ħadd il-Palm sal-Ġimgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa joħorġu bejn erba' u tmien purċissjonijiet minn postijiet differenti tal-belt u jgħaddu minn toroq differenti skont skeda miftehma minn qabel. Il-ħin meta jibdew il-purċissjoni ivarja bejn l-16.30 u l-22.00 u kull waħda ddum barra bejn ħames u seba' sigħat. B'hekk jintlaħqu bosta nħawi tal-belt filwaqt li kull purċissjoni tgħaddi miċ-ċentru tal-belt f'ħinijiet differenti, waħda wara l-oħra. L-aħħar purċissjonijiet jidħlu għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu. Il-fratellanzi l-aktar



importanti jkollhom il-purċissjoni nhar Ħamis ix-Xirka jew nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Meta jidlam dawn il-purċissjonijiet joffru spettaklu sabiħ anke jekk melankoniku. Meta f'xi salib it-toroq jiltaqgħu żewġ purċissjonijiet, iż-żewġ konfraternitajiet isellmu lil xulxin billi r-reffiegħa jgħollu t-tron minn fuq spallejhom 'il fuq kemm jistgħu fuq idejhom mgħollijin u jimxu ftit passi 'l quddiem u lura xi sitt darbiet. Din il-manuvra hija mistennija mill-ispettaturi li jċapċpu bil-qalb.



Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa f'Malaga ilha ssir bil-forma tal-purċissjoni kif inhi llum sa minn meta r-rejiet Kattoliċi rebħu din il-belt intrebħet lura minn idejn il-Muri fl-1487. Wara sekli ta' ħakma misilmina, in-nies tal-post ikkonvertew għall-fidi Kattolika u dan flimkien mal-wasla ta' nies ġodda mir-reġjun ta' Kastijla wassal biex ħoloq bixra ġdida fil-mod kif il-poplu ta' Malaga juri l-fehema reliġjuża tiegħu fil-beraħ. Imma l-aktar influwenza fuq il-konfraternitajiet ġiet mill-Konċilju ta' Trentu fis-16-il seklu u mill-kontro-riforma tal-Knisja Kattolika b'risposta għar-riforma protestanta.

Il-Knisja Kattolika fi sforz biex tikkumbatti t-tagħlim tal-protestanti bdiet tinkoraġġixxi l-qima ta' xbihat sagri. Kien f'dan iż-żmien meqjuż bħala l-perjodu Barokk illi f'Malaga ffurmaw gruppi proċessjonali ġodda minn fost il-familji nobbli tal-belt li kellhom rabtiet mal-fratellanzi li kien hemm jew li nħolqu ġodda. Dak iż-żmien il-Ġimgħa Mqaddsa kienet tiġi ċċelebrata b'mod differenti ħafna milli hija llum. Il-vari jew aħjar 'it-tronijiet' kif inhuma magħrufa, kienu joħorġu mill-knejjes fejn kienu jinżammu għax għal-bidu ma kienux jeżistu d-djar tal-fratellanzi kif hemm illum. L-istatwi kienu jinġarru fuq bankun primittiv u sempliċi merfugħ minn tmienja sa għaxart irġiel. Il-pellegrinaġġ kien jikkonsisti mill-hekk imsejjħa "Hermandos de Luz' jiġifieri 'l-aħwa tad-dawl' li kienu jġorru xemgħat mixgħula, u minn "Hermandos de Sangre' jiġifieri 'l-aħwa tad-demm' li kienu penitenti li kienu jsawwtu lilhom infushom matul il-purċissjoni u b'hekk joħolqu spettaklu tal-biża fost in-nies kurjużi li kienu jinġemgħu. Illum dawk tal-ewwel jissejħu in-'Nazzareni'. Ir-raġuni għaliex l-irġiel kienu jingħaqdu ma' fratellanza kienet sabiex iserrħu rashom li meta jmutu jkollhom fejn jindifnu f'post

sagru u barra minn hekk ikun hemm minn jitlob għal ruħhom biex jinħelsu mill-purgatorju.

Fid-19-il seklu ħafna mill-ġid li kien inġemgħa f'dawn il-fratellanzi nħataf mill-barranin waqt l-invażjonijiet ta' Napuljun. Biex tkompli tgħaxxaqha, wara l-gwerra tal-Indipendenza ta' Spanja, fl-1835 għaddiet liġi li biha kellhom jingħalqu bosta kunventi u monasteri. Għalhekk il-fratellanzi li kienu bbażati f'dawn il-kunventi kellhom ifittxu 'djar' oħra fejn iżommu l-istatwi tagħhom u minn fejn jibdew il-purċissjonijiet tagħhom matul il-Ġimgħa Mqaddsa.

Fl-1921 iffurmat assoċjazzjoni tal-fratellanzi tal-Ġimgħa Mqaddsa f'Malaga. Din l-assoċjazzjoni kienet l-ewwel waħda tax-xorta tagħha fi Spanja u għalhekk hija l-eqdem waħda. L-iskop ewlieni kien li tiġbor il-flus meħtieġa biex isiru l-purċissjonijiet. Kien minn dak iż-żmien li dawn il-purċissjonijiet bdew jikbru u jsiru popolari tant li llum jiġbdu bosta turisti li naturalment iħallu f'Malaga ħafna ġid. Iżda mat-twaqqif tat-tieni Repubblika fit-12 ta' Mejju 1931, qtajja ta' anarkisti ħarbtu, serqu u farrku t-tempji tal-belt. Minħabba l-inkwiet li nqala, il-purċissjonijiet ma baqgħux isiru, għalkemm fl-1935 ftit mill-fratellanzi kuraġġużi ħarġu bil-purċissjoni tagħhom, minkejja s-sogru li jitilfu l-ftit wirt li kien baqalhom. Is-sena ta' wara faqqgħet il-gwerra ċivili fi Spanja u magħha ġiet mewġa oħra ta' qerda li tista' tgħid li temmet dak li kien għad baqa' mit-tkissir ta' qabel.

Iż-żmien ta' wara dil-gwerra kien iebes għall-kulħadd. Ir-rebbieħa – ta' Franco – fi spirtu ta' Kattoliċismu, reġgħu rawmu l-purċissjonijiet reliġjużi u tawhom importanza biex juru t-trijonf tagħhom fuq ir-Repubblikani li kienu mpenġija bħala l-għedewwa tal-fidi Kattolika. Fi kliem ieħor huma ma ddejqux jagħtu xejra politika lill-purċissjonijiet li dejjem kienu tal-poplu u fihom żdiedet sewwa l-preżenza tal-militar fi grad ferm akbar milli qatt kienet qabel. Aspett ieħor li nbidel kien id-daqs tal-vari li kiber u bdew jiżżejjnu bil-kbir biex b'hekk jidher aktar il-kobor tar-rebħa tal-militar u tal-fidi Kattolika fuq ir-'Repubblikani Ateisti'. Bdew jinbnew fit-toroq minfejn jgħaddu l-purċissjonijiet dawk l-hekk imsejjħa 'tinglaos', strutturi tal-metall li taħthom setgħu jistkennu l-vari meta jagħmel il-maltemp. Dawn l-istrutturi llum m'għadekx issibhom. Fis-snin 70 mat-tiżjin lussuż tal-vari bdiet dieħla mentalità oħra fost il-fratellanzi ġodda – dik li jagħtu aktar importanza lil penitenza u ċ-ċaħda.

Purċissjonijiet bħal dawn isiru f'bosta bliet fir-reġjun ta' Andalusia fi Spanja, imma dawk ta' Malaga u ta' Serija huma l-aktar imfittxija mit-turisti.

# Aktar tagħrif marbut ma' dan iż-Żmien Qaddis tas-Sena

**Kitba tal-Kav Joe M Attard**



## Il-Prietki tar-Randan

Tassew li jekk tibda titkellem dwar ir-Randan, ma tispiċċa qatt. Ħa mmorru issa ftit lura fiż-żmien u ngħidu xi ħaġa dwar il-Prietki tar-Randan f'Malta u s-Sepulkru tas-Seklu Sbatax. Tajjeb li nfakkru, kif jgħidilna l-istoriku Winston Lawrence Zammit, li l-Knisja ta' San Ġwann ġewwa l-Belt Valletta kienet il-knisja prinċipali tal-Ordni ta' San Ġwann bejn is-snin 1578 u 1687.

Għall-prietki tar-Randan, il-Kavallieri kienu jġibu predikatur minn barra, u għaldaqstant fis-seduta tal-Kunsill tal-Ordni li saret fil-31 ta' Jannar 1665, il-Gran Mastru Nikol Cottoner (1663 – 1680) u l-Kunsill iddeċidew kemm kellu jitħallas l-imsemmi predikatur.

Ġie deċiż li jekk il-predikatur jinġab minn Ruma jew minn xi post iżjed 'il bogħod, il-ħlas kellu jkun 350 skud flus ta' Sqallija; minn Napli 300 skud flus ta' Sqallija, u jekk minn Sqallija 200 skud flus ukoll ta' Sqallija. Iżda minbarra din is-somma ta' flus, sakemm idum Malta, il-predikatur kellu wkoll jirċievi skud u żewġ tari għall-manteniment tiegħu.

Iżda ma għaddiex wisq żmien li l-imsemmi predikatur barra mill-prietki tar-Randan beda jagħmel ukoll il-prietki tal-Avvent, u għal dan il-għan beda jiġi Malta minn żmien qabel. Għaldaqstant il-kamra tat-Teżor tal-Ordni, fl-10 t'April 1669, iddeċidiet li meta l-Predikatur tar-Randan jiġi wkoll għall-Avvent, tal-prietki li jagħmel fl-Avvent kellu jingħata 60 skud tal-fidda u

*Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann*



din is-somma kellha wkoll isservih għall-manteniment tiegħu sakemm jibda r-Randan meta mbagħad kien jibda jirċievi l-ħlas fuq imsemmi. Iżda minbarra l-ħlas imsemmi ta' skud u żewġ tari, il-Kamra tat-Teżor issemmi wkoll l-injam, il-faħam u l-affarijiet l-oħra li s-soltu kienu jingħatawlhom u tliet rigali ta' tmien skudi kull wieħed, wieħed fil-Milied, u tnejn oħra wieħed fil-bidu u l-ieħor fi tmiem il-Karnival.

Fl-1672 il-Predikatur tar-Randan kien il-Ġiżwita Patri Savina minn Ruma. Iżda billi l-imsemmi Patri ma laħaqx wasal Malta minn Ruma biex jagħmel il-Prietki tal-Avvent il-Kamra tat-Teżor fl-10 ta' Marzu 1672 iddeċidiet li kellu jirċievi 350 skud għax ġie minn Ruma, u s-somma ta' skud u żewġ tari kuljum għall-manteniment tiegħu. Iżda rigward it-tliet rigali ta' tmien skudi, kellu jingħata biss iż-żewġ rigali tal-Karnival billi ma kienx f'Malta fil-Milied.

## Is-Sepulkru

Kelma issa dwar is-Sepulkru li kien jintrama fl-Oratorju li hemm fil-Knisja. Insibu li fl-1678 Nikol Cottoner għamel donazzjoni ta' kapital ta' 2000 skud mit-Teżor tal-Ordni bil-kundizzjoni li ta' kull sena jieħu ħsieb jixgħel 36 torċa fis-Sepulkru li jintrama ta' kull sena fil-Ġimgħa Mqaddsa. Din id-deċiżjoni ġiet aċċettata mit-Teżor li fl-1 ta' Settembru 1678 permezz tal-uffiċjal tiegħu li ntrabat li jwettaq ix-xewqa ta' Cottoner.

Iżda fl-istess sena membru tal-ordni li ma riedx juri ismu, wera x-xewqa li jżejjen u jsebbaħ l-Oratorju u din l-offerta ġeneruża ntlaqgħet mill-Kunsill tal-Ordni fl-24 ta' Ottubru 1678. Jidher li dan il-Benefattur ma kien ħadd ħlief il-Prijur ta' Venezja Fra Stiefnu Maria Lomellina għax fil-minuti tas-Seduta tal-Kunsill tal-Ordni tal-21 ta' Lulju 1687 insibu mniżżel li l-Oratorju kien ġie mżejjen *con bellissime pitture, indorature ed altri ornamenti della devozione del Venerabile Prior di Venezia, Lomellina*. Minħabba f'hekk fl-istess Seduta, il-Gran Mastru Girgor Caraffa (1680 – 1690) u l-membri preżenti ddeċidew li 'l quddiem is-Sepulkru ma jsirx iżjed fl-Oratorju, iżda quddiem il-bieb prinċipali tal-Knisja. Xi ħaġa simili għadha ssir sal-lum fir-Rotunda tax-Xewkija fejn is-Sepulkru jintrama eżatt fl-entrata tal-knisja parrokkjali u allura l-bieb ewlieni jkun magħluq għal dawk is-sigħat li s-Sepulkru jkun armat. Bla dubju ħafna huma s-Sepulkri sbieħ li jintramaw fil-gżejjer tagħna u ma nissogra nsemmi l-ebda wieħed minnhom għaliex kollha jkun fihom x'tara u niesna tiġġennen warajhom. L-importanti li nifhmu s-sinjifikat tagħhom u nżuruhom bid-devozzjoni.

*Maħfra Mulej* huwa l-isem ta' poeżija qasira li kiteb darba fost l-oħrajn Manwel Attard, li llum jinsab il-Kanada, meta darba fost l-oħrajn kien quddiem is-Sepulkru.

*Mulej, meta noqgħod naħseb*
*Fuq kemm jien offendejtek,*
*Jagħtini li niddispra*
*Kieku ma kienx għal ħnientek.*

*Iżda meta jien naħseb*
*Kif lill-ħalliel tajt tama,*
*Inħoss il-fidi tikber*
*U nerġa' jien nittama.*

*U waħħalt f'moħħi u f'qalbi*
*Li jiena ma nerġax,*
*U Int kont lest li tgħinni*
*Biex fid-dnub ma naqax!*

## It-Tislib ta' Kristu

Bla dubju ta' xejn dan iż-żmien għażiż idur kollu kemm hu mal-Imgħallem Divin tagħna li għadda minn Passjoni sħiħa u spiċċa minxur fuq salib tal-għuda biex jifdina u jsalvana. Ġesù Kristu x'aktarx li ma ssallabx bil-mod li aħna mdorrijin narawh fl-istampi. Il-mod tradizzjonali li Kristu huwa muri wieqaf kien magħruf li ma tantx seta' kien reali għal raġunijiet anatomiċi; jiġifieri kien diffiċli għall-ġisem tal-bniedem li jżomm wieqaf f'dik il-pożizzjoni miżmum mill-imsiemer.

Għal din ir-raġuni ħafna stampi jew pitturi li juru lil Kristu msallab kienu juruh marbut minn idejh waqt li taħt riġlejh u f'nofs is-salib kien hemm speċi ta' njam li fuqhom il-ġisem u r-riġlejn setgħu jistrieħu.


Dettal mill-Kruċifissjoni, pittura ta' Matthias Grunewald

Issa wara sentejn studju fuq katavru misjub minn tabib Lhudi f'ċimiterju antik x'aktarx li għandna l-ewwel prova tal-mod kif Kristu kien ġie msallab elfejn sena ilu. L-evidenza turi li t-tislib kien aktar krudil u brutali milli konna nafuh sal-lum.

Il-ġisem misjub hu ta' priġunier li ġie msallab mir-Rumani fl-istess żmien li fih għex Kristu u hu wieħed mill-eluf li ġarrbu din il-piena li kienet tant komuni f'dawk iż-żminijiet.

Riġlejn l-imsallab ma kinux imqiegħdin dritti, iżda kienu minfudin b'musmar wieħed twil seba' pulzieri li

kien jinfed l-għeriekeb imrikkbin fuq xulxin. Il-musmar qabel kien jgħaddi minn plakka tal-injam li kienet isservi biex wara jkun jista' jiġi maqtugħ wara l-mewt tal-imsallab.

X'aktarx li kien hemm injama oħra li kienet iżżomm il-ġisem milli jiżżerżaq 'l isfel u maħsuba biex ittawwal l-agunija li normalment kienet tispiċċa meta jinkisru saqajn l-ikkundannat. Hija ħaġa ċerta li l-iskeletru misjub mhuwiex dak ta' Kristu (li rxoxta mill-mewt) imma ta' ġuvni ta' bejn it-23 u l-25 sena; l-iskeletru tiegħu nstab aktar minn mil bogħod mill-Kalvarju, u hemm evidenza ta' isem ieħor. Minbarra dan, tant eluf ta' priġunieri Lhud u Ġentili kienu msallbin b'dan il-mod li x'aktarx l-għadam hu ta' xi rivoluzzjunarju li kien iġġieled kontra r-Rumani jew nkella ta' kriminal kwalunkwe. Minn dan kollu naraw kemm tassew Ġesù kellu jbati ħafna għalina bnedmin. Hawnhekk titfaċċa mill-ewwel quddiemi poeżija li niftakar kont qrajt xi snin ilu ta' Lino Farrugia Bonnici:

## Il-Kurċifiss ta' Kamarti

*Kemm-il darba jien f'ħajti ħassejtni*
*Qed nitkagħwweġ bl-uġigħ li darbuni;*
*Mhux għedewwa mimlija b'mibegħda*
*Iżda ħbieb li mħabbithom wegħduni.*

*U bkejt waħdi fis-skiet ta' kamarti*
*Xħin ġo soddti qgħadt nokrob bl-uġigħ.*
*Jien minn ħbiebi stennejt ħbiberija*
*Mhux inganni, tnassis u żebliħ.*

*Sa bi kliemhom jekk mhux biss*
*b'għemilhom*
*Raw b'biex setgħu l-aħjar iweġġgħuni...*
*Aħjar balla ġo sidri ta' għadu*
*Milli nsib illi ħbiebi ngannawni!*

*Dan ġo soddti kont qiegħed inhewden*
*Muġugħ hekk kont naħsibni jien biss.*
*Smajt fuq rasi lfieqa misnuna*
*Erfajt rasi u lmaħt Kurċifiss.*

*Iċċassawli għajnejja fuq Kristu*
*Fuq dak Alla mneżża' u imdarrab*
*Rajtu mbenġel, imbiċċer, imsallab,*
*Ġismu mqaddes bid-dmija mxarrab.*

*Dan hu l-ħlas li ta l-bniedem lil Kristu*
*Billi sawtu mbagħad qatlu u sallbu;*
*Talli Kristu ġie jifdi lill-bniedem*
*Dana niffed bil-lanza lil qalbu!*

*...Jien ukoll, O Kbir Alla, wisq ħqartek,*
*Għax b'dnubieti wisq eħrex mix-xewk,*
*Jiena qtiltek, sallabtek u sqejtek*
*Imrar eqres mill-morr illi sqewk.*

*Issa nifhem kemm jiena weġġajtek*
*Għaliex doqt minn ta' ħbiebi l-ingann;*
*Ma rridx iktar inriegħxek, inkiddek,*
*Irrid nibqa' ħabibek sedqan.*

## Il-Liżar ta' Kristu

Li Kristu kien bniedem li spikka fuq in-nies ta' żmienu għall-kwalitajiet

Colour

D.E.S

Importers & Distributors of costumes & accesories
Mons. Mikiel Azzopardi Str., Siggiewi
T: 2146 3403 - M: 7947 3870
E: info@desmalta.com W: www.desmalta.com
DES MALTA WANNAPARTY MALTA

WANNA PARTY
COSTUMES & ACCESSORIES

at Daniels shopping complex, Hamrun. T: 2123 3369



# Colour



*Pittura ta' Matthias Grunewall li saret bejn l-1512 u 1516*



*Il-Liżar ta' Kristu li jinsab f'Turin*



*Difna ta' Kristu. Knisja ta' San Lawrenz, Turin*

tiegħu ta' karattru u ta' mexxej spiritwali ilna nafuh. Imma li Kristu kien twil sitt piedi u li kien ġgant fost sħabu l-Lhud li kienu ta' tendenzi qosra, hija aħbar ta' dawn l-aħħar snin.

Oreste Calleja jgħidilna li l-Professur Taljan Lorenzo Ferri, wieħed mill-aqwa skulturi kif ukoll espert tal-Anatomija (l-istudju tal-ġisem tal-bniedem), dam jaħdem fuq din il-mistoqsija 'l fuq minn erbgħin sena. U issa jaħseb li sab it-tweġiba li kien qed ifittex:- din li Ġesù Kristu ta' Nazzarett, li kien miet fuq kruċifiss fuq il-Golgota, kien twil 185.4 ċentimetru (sitt piedi u pulzier) u li kien raġel mibni sewwa.

Il-bażi tas-sejba tal-Professur Ferri qiegħda fuq it-tiftix li għamel fuq il-Liżar ta' Kristu. Dan il-Liżar, li hu 365.8 ċentimetru b'91.4 ċentimetru, kien tgeżwer fih il-ġisem mejjet ta' Kristu wara li tniżżel minn fuq is-salib. Il-Liżar għandu fuqu xbieha ta' Kristu għax il-Madonna, skont it-tradizzjoni tal-mewt Lhudija, ksiet il-liżar bil-mirra qabel ma għamlitu fuq Kristu fil-qabar. Mill-mirra ħarġet xbieha ta' Kristu bil-ġrieħi ta' Kristu taż-żewġ naħat.

Fl-1932, il-Professur Ferri beda x-xogħol ta' riċerka tiegħu bil-ħabi. Huwa rnexxielu jikseb ritratt tal-Liżar mill-Vatikan. Sa mill-1578 il-liżar kien jinsab fid-Duomo ta' Torin, miżmum maqful f'kaxxa tal-fidda. F'dawn l-aħħar mitt sena, il-kaxxa nfetħet ħames darbiet biss. Minn bosta ritratti mkabbra li Ferri ħa tal-Liżar, huwa rnexxielu jistampahom fuq il-plastic u minn dawn ix-xbihat huwa naqqax mudell ta' Kristu proporzjonat li juri wkoll il-ġrieħi skont il-Liżar. Minħabba li dan il-Professur kien jaf tajjeb l-Anatomija, huwa seta' jikkalkola t-tul ta' Kristu mill-mudell li ħadem fl-istudju tiegħu.

L-istudju tal-Professur Ferri ma tahx biss tagħrif fuq it-tul ta' Kristu imma wkoll fuq il-mewt tiegħu. Huwa sab li dirgħajn Kristu kienu mwaħħla permezz ta' msiemer għaddejjin mill-polz u xewk kbir kienu jinfdu l-idejn. Musmar kbir nifed sieq Kristu darbtejn u spalltu kienet żlugata. Ferri sab ukoll li r-riġel tal-lemin ta' Kristu kellha żewġ toqob. Minn hekk Ferri kkonkluda li l-ewwel daħħlulu xewka kbira, imbagħad ġiet maqlugħa biex daħħlu waħda ikbar li tinfed iż-żewġ riġlejn. Dwar il-flaġellazzjoni Ferri sab li hija ħaġa ċerta li Kristu kien imsawwat b'nerf speċjali bi tliet friegħi.

Id-dbabar kbar tad-demm jixhdu ċar li Sidna Ġesù Kristu ma kienx imdendel mill-imsiemer u xewk biss. Seta' kien hemm xi biċċa njama mwaħħla taħt saqajh jew xi għuda wara spalltu. Li kieku ma kellux din l-għajnuna Kristu kien imut f'żewġ minuti billi kien jifga minħabba l-piż fuq il-pulmun.

Is-sejbiet tal-Professur Ferri għandhom warajhom dubju wieħed kbir. U dan hu dwar l-awtentiċità tal-Liżar ta' Kristu li fuqhom ibbaża s-sejbiet tiegħu. Iżda jekk dan il-Liżar li ilu s-sekli meqjum mill-insara bħala relikwija għażiża kien tabilħaqq il-liżar li fih tkeffen il-ġisem ta' Kristu, allura isem Ferri jitniżżel bħala wieħed li wettaq studji mill-aqwa.

Żgur li dal-Professur Ferri fela wkoll mill-qrib il-Wiċċ adorabbli ta' Kristu. Imma ħa mmorru pass lura u naraw l-ewwel xi jgħid il-Vanġelu. *Xħin sar filgħaxija ġie raġel għani minn Arimathea jismu Ġużeppi, li hu wkoll kien sar dixxiplu ta' Ġesù; mar għand Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù . Imbagħad Pilatu ordna li jingħatalu.*

*Ġużeppi ħa l-ġisem u keffnu f'liżar nadif, qiegħdu fil-qabar ġdid tiegħu li kien għadu kif ħaffer fil-blat, gerbeb ġebla kbira fid-daħla tal-għar u telaq. Iżda Marija ta' Magdala u Marija l-oħra baqgħu hemm bilqiegħda biswit il-qabar.*

Din is-silta mill-Vanġelu ta' San Mattew (*Kap 27, versi 57-61)* tirrakkuntalna d-difna ta' Ġesù Kristu. Dan l-isem illum hu fuq fomm ta' miljuni f'atti ta' fidi u qima, iżda wkoll disgrazzjatament, f'dagħa faħxi u nuqqas ta' twemmin. Kienet il-mewt kiefra u l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet li biddlu lill-miġemgħa provinċjali ta' segwaċi tiegħu f'pilastri sodi tal-Knisja. Kif qal San Pawl, kienet ir-Reżurrezzjoni li welldet lill-Kristjaneżmu. Iżda kif itenni Charles Eynaud fil-Kitba tiegħu, "Dan hu l-Wiċċ ta' Kristu!", illum f'era għatxana għall-provi, hemm ħafna li jsibu r-Reżurrezzjoni, ċaħda tal-esperjenza fiżika normali tagħhom. Għal dawn, l-eżistenza tal-Knisja u l-kliem tal-Vanġeli mhumiex biżżejjed. Il-prova, jekk mhux f'qalbhom, forsi tinsab fil-Kappella Rjali tal-Katidral ta' Torin, fl-Italja. F'senduq sabiħ tal-fidda miżmum magħluq f'niċċa fuq l-altar maġġur jinsab liżar tad-dfin stampat b'marki ta' ġisem miksi bil-feriti. Huwa dan il-Liżar li fih tkeffen Kristu? Hija din ir-relikwja li wara 21 seklu tista' ssaħħilna l-fidi batuta tagħna! F'għeluq l-erba' mitt sena mis-sejba tal-Liżar f'Torin, din ir-relikwija kienet ġiet esposta għall-pubbliku bejn is-27 ta' Awwissu u t-8 ta' Ottubru 1978. Miljuni ta' pellegrini mid-dinja kollha żaru l-maqdes fejn jinsab dan il-Liżar. Fosthom kien hemm bosta xjenzati lesti biex jekk jitħallew, jesperimentaw fuq il-Liżar.

Il-Liżar huwa 4.37m twil u 2.13m wiesa' u hu magħmul minn taħlita ta' qoton u xoqqa. L-istampa maħluqa fuqu turi, li l-ġisem ta' raġel, tqiegħed minn tulu fuq il-liżar, u li d-drapp li baqa' mbagħad intewa biex jgħatti r-ras u s-saqajn. Mit-tbajja tad-demm mill-ġrieħi fl-idejn u s-saqajn, jidher li r-raġel

kien issallab. Il-ġisem huwa mbenġel u msawwat. Hemm donnu demm fir-ras u tebgħa kbira fuq il-lemin taħt l-abt, xhieda ta' ferita serja. Is-saqajn mhumiex miksura. Il-wiċċ huwa daqni bl-għajnejn donnhom miftuħin beraħ. Mill-ewwel, mingħajr ma jrid, wieħed jibda jqabbel il-Passjoni ta' Kristu mal-evidenza tal-Liżar.

Kif wieħed jersaq fil-qrib, f'dawl tajjeb u lenti qawwija, l-istampa donnu tinħall bħal nida fid-drapp. Jekk hi pittura, l-istampa hija eżempju ta' impressjoniżmu 500 sena qabel iż-żmien tal-ewwel pitturi impressjonistiċi. Iżda s'issa bosta esperti qablu sew minħabba t-teknika kif ukoll minn xi dettalji li ħarġu mill-istudji kimiċi tal-Liżar, li l-istampa mhix pittura.

L-istorja tal-Liżar Imqaddes hi ftit u xejn mudlama għal elf sena ta' wara Kristu. Fl-1452 il-Liżar deher fi Franza fejn għadda f'idejn id-Dar ta' Savoia. Fl-4 ta' Diċembru 1532 meta l-Liżar kien fis-Sagristija ta' Saint Chapelle f'Chambery, fi Franza, nar qawwi kien ħakem lill-Kappella. Erbat irġiel kien irnexxielhom ikaxkru l-kaxxa tal-fidda fejn kien mistur il-Liżar minn ġo dak l-infern ta' nar. Biċċiet mil-Liżar iżda nħarqu, b'xorti tajba mhux fejn hemm l-immaġini. Is-sorijiet iktar tard raqqgħu fejn setgħu bi drapp abjad it-toqob fil-Liżar. Dawn għadhom jidhru sal-lum. Fil-1578 il-Liżar ittieħed f'Torin u mill-1664 'il hawn straħ f'niċċa speċjali fuq l-altar maġġur tal-Katidral. Ian Wilson (awtur ta' bosta artikli u films dwar il-Liżar kif ukoll tal-*bestseller* "The Turin Shroud") jgħid li hemm possibiltà li l-Liżar huwa fil-fatt ir-relikwija mqaddsa magħrufa bħala "Mandylion", biċċa xoqqa b'wiċċ ta' Kristu fuqha, li jingħad kienet ikkonvertiet lis-Sultan Abgar tat-Turkija. Fis-sena 944 wara Kristu l-'Mandylion' inġab minn Edessa għal Kostantinopli minn fejn għeb madwar l-1204 meta l-belt inħakmet mill-ewwel kruċjati. F'dan iż-żmien il-Liżar deher għall-ewwel darba fi Franza.

Fotografu, Secundo Pia, fl-1898 ħa l-ewwel żewġ ritratti tal-Liżar. Meta qabbel in-negattivi mal-pożittivi, induna, li fin-negattivi l-ġisem u l-wiċċ qishom skolpiti fid-drapp. Hi din l-immaġni li ħassbet lill-esperti għal dawn is-snin kollha. X'kienet l-enerġija li ħarġet minn dan il-ġisem li naqqxet din id-dehra fuq il-Liżar! Sal-lum għadna m'aħniex żguri jżid jistqarr Charles Eynaud fit-tagħrif tiegħu.

Jekk l-Arċisqof ta' Torin jagħti permess biex il-Liżar jiġi eżaminat x'aktarx li dan ix-xogħol isir minn Dr. Walter McCrone ta' Chicago, speċjalista fil-Mikroanalisi. Dan għandu f'idejh l-aqwa mikrosonda (strument li jista' jagħraf u jidentifika kull fdal ta' kimika li jeżisti f'biċċa materjal) tad-dinja. Kampjun ċkejken ħafna mil-Liżar hu biżżejjed biex jikxef is-sigrieti mitlufa

fiż-żmien. Jekk McCrone jirnexxilu jipprova li t-tbajja fuq il-liżar mhumiex tad-demm, ikun kisser it-teorija ta' grupp kbir ta' nies li jemmnu li l-Liżar huwa xhieda li Kristu ma mietx fuq is-salib; li kien ħassu ħażin biss u li ġie f'tiegħu waqt li kien fil-qabar minn fejn ittieħed 'il barra. Skont dawn in-nies it-tbajja tad-demm jippruvaw li l-qalb ta' Kristu kienet għadha tħabbat meta tniżżel minn fuq is-salib.

L-analiżi xjentifiċi biss jistgħu forsi jippruvawlna l-awtentiċità tal-Liżar u jfehmulna l-fenomenu tiegħu. "Il-fidi għamja" jgħid Ian Wilson, "għalkemm imfaħħra mit-Teoloġi, m'għadhiex forsi moda u għalhekk il-Liżar jista' jkun il-prova tal-Qawmien mill-imwiet ta' Kristu, prova li taqta' l-għatx ta' dawk kollha li jixtiequ jemmnu iżda ma jistgħux."

Liżar u mhux, Kristu twieled f'għar għeri u fqajjar mirżugħ bil-bard, bata fil-ħanut ta' missieru biex jaqla' kisra ħobż u spiċċa msallab biex jifdina u jsalvana. Isimgħu lit-tabib u poeta Rużar Briffa jiddeskrivi f'erba' kelmiet lil dan l-Imgħallem tagħna:

*Kristu, bħal bniedem,*
*niżel fuq l-art,*
*twieled f'maxtura*
*reżaħ bil-bard.*

*Għallem lill-kotra,*
*għen 'l-għajjenin,*
*fejjaq il-morda,*
*ħabb il-fqajrin.*

*Ħafen iċ-ċana,*
*għabba spallejh;*
*qala' kull ħbejża*
*b'ħidmet idejh.*

*Għannaq salibu*
*u ma ċaħdux…*
*'mma llum il-bniedem*
*jgħid 'ma jafux'.*



# Il-Ġimgħa Mqaddsa f'Malta

**Lorenzo Zahra**



Malta hija wieħed mill-ftit pajjiżi fejn iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa għadhom isiru bil-kbir u b'dinjità, kemm ġewwa l-knejjes u kemm barra. Matul iż-żmien twil li ilhom isiru dawn iżejjnu b'aspetti folkloristiċi frott il-fidi tal-poplu u saru jiġbdu eluf ta' barranin lejn il-gżejjer Maltin.

Ebda pajjiż mhu bħal ieħor. Id-differenzi jidhru fid-drawwiet, fil-mod kif jgħixu n-nies u wkoll kif jiċċelebraw il-festi tagħhom. Bosta mill-popli tal-Mediterran magħrufin għat-tradizzjonijiet b'għeruq reliġjużi li għadhom ħajjin fosthom.

F'Malta iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa jibdew f'Ħadd il-Palm bit-tberik tal-friegħi taż-żebbuġ u l-weraq tal-palm. Dakinhar tara bosta rġiel li fuq il-pavru tal-ġlekk iwaħħlu werqa taż-żebbuġ mbierka. Bosta nies għadhom jieħdu sehem fil-purċissjoni żgħira li ssir jew fil-knisja nkella minn xi kappella fil-qrib għall-knisja parrokkjali fejn il-bieb prinċipali tal-knisja kien jinżamm magħluq sakemm iċ-ċelebrant kien iħabbat tlett darbiet fuqu. Din tfakkar id-daħla ta' Ġesù fil-belt ta' Ġerusalem.

Il-jum tal-Erbgħa ta' dik il-Ġimgħa hu magħruf bħala l-Erbgħa tat-tniebri. Dakinhar fil-kneijes kien isir kant ta' salmi msejjħla - Lamentazzjonijiet- b'kant speċjali melankoniku.

Il-Ħamis magħruf bħala Ħamis ix-Xirka. Allura fil-Knejjes kien jintrama s-sepulku li jfakkar il-qabar ta' Ġesù u fih issir ċerimonja biex ġewwa kapsula titqiegħed l-Ewkaristija għall-adorazzjoni.

Allura kif tispiċċa l-funzjoni l-insara jingħaqdu u jżuru seba' knejjes biex jaduraw lil Ġesù Kristu fl-Ewkaristija. Aktarx daħal dan l-użu mill-Kavallieri ta' San Ġwann li għal żmien kienu kustodji tal-Qabar ta' Kristu, allura jsiru bosta purċissjonijiet minn diversi għaqdiet u jżuru seba' knejjes b'dan il-għan.

Il-Ġimgħa l-Kbira kif imsejħa fostna, il-jum li jfakkar il-Passjoni ta' Ġesù, isiru purċissjonijiet bi statwi stazzjonari li jfakkru l-Passjoni u l-Mewt ta' Ġesù Salvatur tal-umanità. Imma dawn il-jiem jintemmu f'Ħadd il-Għid il-Kbir meta nfakkru l-Qawmien mill-Mewt ta' Ġesù Kristu b'ċelebrazzjonijiet ferrieħa.


White Brothers Ltd.
• Haulage • Lifting • Customs • Services
St Bernard Street, Marsa HMR 12, MALTA.
TEL: (+356) 245 512 FAX: (+356) 247 374.
Since 1947 White Brothers Limited continue to dominate the local Cargo Handling scene, servicing Shipping and Forwarding Agents as well as local importers and exporters
Your own agent in Malta ...and Beyond
Apart from its services to the Petrochemical Industry, providing anything from personnel transfers to storage, from pipe inspections to offshore activity, the company also renders services in other areas.
Break-bulk facilities for Sea/Air freight, Customs clearance and deliveries to/from door, Container de/stuffing, Customs-bonded warehousing for Transhipment Cargo, Handling Plant & Machinery and Heavy Lifts are amongst the services offered both to its local and international clients.
Visit our website or call our marketing department to find out more about
Malta's favourite cargo agent.
website at www.whitebrosmalta.com